



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/2069(INI)

25.7.2012

EMENDI 201 - 459

Abbozz ta' rapport
Monika Flašíková Beňová
(PE489.625v01-00)

Dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010 –
2011)
(2011/2069(INI))

AM\910031MT.doc

PE494.582v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_NonLegReport

Emenda 201

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18b. Jiddispjaċih li ċittadini ta' oriġini Roma huma soġġetti għal proċeduri ta' tkeċċija kollettiva mill-Istati Membri u jilmenta dwar ir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni f'ċertu każijiet;

Or. en

Emenda 202

Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18b. Jiddispjaċih li ċittadini ta' oriġini Roma huma soġġetti għal proċeduri ta' tkeċċija kollettiva mill-Istati Membri u jilmenta dwar ir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni f'ċertu każijiet;

Or. en

Emenda 203

Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19. Jitlob lill-Kummissjoni tevalwa r-riżultati konkreti tal-Qafas għal Strateġiji ta' Integrazzjoni Nazzjonali Roma tal-UE

19. Jilqa b'mod pożittiv l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-Istrateġiji ta' Integrazzjoni Nazzjonali Roma li

u l-progress miksub f'kull Stat Membru;

jirrikonoxxu l-isforzi magħmula minn ċerti Stati Membri iżda wkoll b'mod partikolari, il-ħafna lakuni fil-maġġoranza tal-istrateġiji ppreżentati lill-Kummissjoni; Jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu passi biex tiżgura li l-Istati Membri jimlew malajr il-lakuni bl-għan li titjeb malajr is-sitwazzjoni Roma fl-Unjoni u li jintemm l-anti-żingariżmu;

Or. fr

Emenda 204
Ioan Enciu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Jitlob lill-Kummissjoni *tevalwa r-riżultati konkreti tal-Qafas* għal Strateġiji ta' *Intgrazzjoni* Nazzjonali Roma tal-UE *u l-progress miksub f'kull Stat Membru;*

Emenda

19. *Jesprimi n-nuqqas ta' sodisfazzjon lejn il-kwalità inġenerali tal-istrateġiji ta' integrazzjoni nazzjonali Roma ppreżentati mill-Istati Membri u* jitlob lill-Kummissjoni *biex tirrakkomanda titjeb sabiex tilħaq b'mod aktar effettiv l-għanijiet stabbiliti fil-Qafas* għal Strateġiji ta' *Integrazzjoni* Nazzjonali Roma tal-UE;

Or. ro

Emenda 205
Lívia Járóka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. *Jitlob* lill-Kummissjoni tevalwa r-riżultati konkreti tal-Qafas għal Strateġiji ta' *Intgrazzjoni* Nazzjonali Roma tal-UE *u l-progress miksub f'kull Stat Membru;*

Emenda

19. *Jilqa' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Roma u jistieden* lill-Kummissjoni tevalwa r-riżultati konkreti tal-Qafas għal Strateġiji ta' *Intgrazzjoni*

Nazzjonali Roma tal-UE, *sabiex tanalizza wkoll il-fattibilità u s-sostenibilità ta' dawn l-istrateġiji u l-progress* miksub f'kull Stat Membru *fir-rapporti annwali tagħha lill-Parlament u lill-Kunsill;*

Or. en

Emenda 206
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

20. Jitlob lill-Istati Membri jipprovdu tweġiba effettiva għall-esklużjoni **Roma bl-iżvilupp ta' politiki integrati fil-kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-popolazzjoni Roma u l-iżgurar tal-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom, u billi tagħmel użu mir-riżorsi finanzjarji kollha disponibbli tal-UE;**

Emenda

20. Jitlob lill-Istati Membri jipprovdu tweġiba effettiva għall-esklużjoni;

Or. it

Emenda 207
Ioan Enciu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

20. *Jitlob lill-Istati Membri jipprovdu tweġiba effettiva għall-esklużjoni* Roma bl-iżvilupp ta' politiki integrati *fil-kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-popolazzjoni Roma u l-iżgurar tal-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom, u billi tagħmel użu mir-riżorsi finanzjarji kollha disponibbli tal-UE;*

Emenda

20. *Jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati kif suppost l-istrateġiji ta' integrazzjoni nazzjonali Roma li qed jitfasslu fil-livell lokali* bl-iżvilupp ta' politiki integrati *li jinvolvu l-awtoritajiet lokali, il-korpi mhux governattivi u l-komunitajiet Roma fid-diskussjonijiet li għaddejjin skont id-dispożizzjonijiet tal-*

Emenda 208
Lívia Járóka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

20. **Jitlob** lill-Istati Membri jipprovdu tweġiba effettiva għall-esklużjoni Roma bl-iżvilupp ta' politiki integrati fil-kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-popolazzjoni Roma u l-iżgurar tal-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom, u billi tagħmel użu mir-riżorsi finanzjarji kollha disponibbli tal-UE;

Emenda

20. **Jistieden** lill-Istati Membri jipprovdu tweġiba effettiva għall-esklużjoni Roma bl-iżvilupp ta' politiki integrati **u l-implimentazzjoni tal-miżuri ppreżentati fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Roma**, fil-kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-popolazzjoni Roma u l-iżgurar tal-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom **ukoll fil-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġetti li jaffettwaw il-komunitajiet tagħhom**, u billi tagħmel użu mir-riżorsi finanzjarji kollha disponibbli tal-UE;

Or. en

Emenda 209
Debora Serracchiani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

20. **Jitlob** lill-Istati Membri jipprovdu tweġiba effettiva għall-esklużjoni Roma bl-iżvilupp ta' politiki integrati fil-kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-popolazzjoni Roma u l-iżgurar tal-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom, u billi tagħmel użu mir-riżorsi finanzjarji kollha disponibbli tal-UE;

Emenda

20. **Jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri maħsuba biex jiġu miġġielda mhux biss il-forom kollha ta' diskriminazzjoni marbuta mad-diversità kulturali u reliġjuża, iżda anki dawk li l-vittmi tagħhom huma persuni li jagħmlu parti minn minoranzi lingwistiċi;**

Emenda 210
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jistieden lill-Istati Membri biex jiddokumentaw ir-riżultati miksuba fl-azzjoni maħsuba biex jiġi mħares id-dritt għall-użu tal-lingwa ta' dak li jkun mill-minoranzi;

Emenda 211
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa fir-rigward tal-isterilizzazzjoni u biex jagħtu kumpens finanzjarjament lill-vittmi tal-isterilizzazzjonijiet sfurzati mwettqa fuq nisa Roma u fuq nisa b'diżabilitajiet mentali, b'konformità mal-każistika tal-QEDB;

Emenda 212
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jinsab allarmat mill-mewġa dejjem tikber ta' diskors ta' mibegħda u stigmatizzazzjoni fir-rigward tal-minoranzi u l-gruppi ta' nies u l-influwenza dejjem tikber tagħhom fil-midja u f'numru ta' movimenti u partiti politiċi fl-ogħla livell ta' responsabbiltà politika f'ċerti Stati Membri u li wasslet għal liġijiet restrittivi;

Or. fr

Emenda 213
Kinga Gál, Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri adegwati sabiex jippromwovu, fl-oqsma kollha tal-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali, l-ugwaljanza effettiva bejn il-persuni li huma parti minn minoranza nazzjonali u dawk li huma parti mill-maġġoranza, billi jqisu kif xieraq f'dan ir-rigward il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-persuni li huma parti minn dawn il-komunitajiet ta' minoranzi nazzjonali; jindika l-inkonsistenza tal-politika fir-rigward tal-minoranzi nazzjonali: filwaqt li l-protezzjoni tal-minoranzi hija parti mill-kriterji ta' Kopenhagen, ma jeżisti ebda standard għad-drittijiet tal-minoranzi fil-politika komunitarja;

Or. en

Emenda 214
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jenfasizza l-fatt li d-drittijiet tal-minoranzi huma parti integrali mid-drittijiet bażiċi tal-bniedem u jqis li huwa neċessarju li ssir distinzjoni ċara bejn minoranzi (nazzjonali), immigranti u persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil;

Or. en

Emenda 215
Sylvie Guillaume

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jemmen li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra r-Roma għandha ssir flimkien mal-komunità tar-Roma, billi r-rappreżentanti tagħha huma f'qagħda aħjar li jixhdu fuq in-nuqqas ta' aċċess għad-drittijiet ta' impjieg, edukazzjoni, akkomodazzjoni, saħħa, u għal oġġetti u servizzi, u li jsibu soluzzjonijiet għal dan in-nuqqas;

Or. fr

Emenda 215
Sylvie Guillaume

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jemmen li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra r-Roma għandha ssir flimkien mal-komunità tar-Roma, billi r-rappreżentanti tagħha huma f'qagħda aħjar li jixhdu fuq in-nuqqas ta' aċċess għad-drittijiet ta' impjieg, edukazzjoni, akkomodazzjoni, saħħa, u għal oġġetti u servizzi, u li jsibu soluzzjonijiet għal dan in-nuqqas;

Or. fr

Emenda 216
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jistieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-livelli għolja ta' qagħad fost il-minoranzi, speċjalment ir-Roma, billi jneħħu l-ostakoli għall-aċċess għall-impjieg;

Or. en

Emenda 217
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jistieden lill-Istati Membri biex jeliminaw is-segregazzjoni spazjali, l-iżgumbramenti sfurzati u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar li jiffaċċjaw ir-Roma billi jistabbilixxu politiki dwar l-

*akkomodazzjoni u jevitaw il-
kriminalizzazzjoni tal-kundizzjoni ta'
persuni mingħajr dar;*

Or. en

Emenda 218
Livia Járóka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20a. Jistieden lill-Istati Membri biex jallokaw riżorsi baġitarji suffiċjenti biex iwettqu l-oġettivi identifikati fl-istrategġji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Roma; jistieden lill-Kunsill biex jappoġġja u jadotta l-proposti tal-Kummissjoni u tal-Parlament dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, b'mod partikolari dawk li jippermettu lill-Fond Soċjali Ewropew u lill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jikkontribwixxu b'mod aqwa lejn l-inklużjoni soċjali tar-Roma billi titwessa' l-firxa ta' kundizzjonalitajiet ex ante biex jiġu inklużi l-iżvilupp ta' strategġji nazzjonali u l-immappjar tal-konċentrazzjoni territorjali tal-faqar;

Or. en

Emenda 219
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20b. Jistieden lill-Istati Membri biex jeliminaw is-segregazzjoni spazjali, l-

iżgumbramenti sfurzati u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar iffaċċjati mir-Roma billi jitwaqqfu politiki tal-akkomodazzjoni effettivi u trasparenti;

Or. en

Emenda 220
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20b. Iħeġġeġ biex jiġi rikonoxxut id-dritt li persuni li jagħmlu parti minn minoranza etnolingwistika jgħolqu u jxerrdu programmi tar-radju u televiżivi, bil-lingwi tagħhom, kemm fuq netwerks reġjonali kif ukoll fuq dawk nazzjonali;

Or. it

Emenda 221
Kinga Gál, Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20b. Iqis li ma teżistix soluzzjoni unika sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-minoranzi nazzjonali fl-Istati Membri kollha, u li għandhom jiġu żviluppati xi objettivi komuni u minimi għall-awtoritajiet pubbliċi fl-UE, filwaqt li jitqiesu n-normi legali internazzjonali rilevanti u l-prattiki tajba eżistenti;

Or. en

Emenda 222
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20b. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi standard ta' politika għall-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali;

Or. en

Emenda 223
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20b. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrifurmaw is-sistemi edukattivi nazzjonali tagħhom sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-minoranzi, inklużi t-tfal Roma, u sabiex ineħħu arranġamenti edukattivi segregati mingħajr ħsara għall-edukazzjoni b'lingwi ta' minoranzi li teżisti f'ħafna Stati Membri;

Or. en

Emenda 224
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20b. Jistieden lill-Istati Membri biex

jindirizzaw il-livelli għolja ta' qagħad fost ir-Roma billi jitneħħew l-ostakoli għall-aċċess għall-impjeg;

Or. en

Emenda 225
Livia Járóka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20b. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha sabiex tinvolvi pajjiżi tat-tkabbir fl-isforzi tagħha mmirati lejn l-inklużjoni soċjali tar-Roma, kif ukoll biex timmobilizza l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u biex tħeġġeġ lill-pajjiżi tat-tkabbir permezz tal-mekkaniżmu tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għal dan il-għan;

Or. en

Emenda 226
Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20c. Jistieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-livelli għolja ta' qagħad fost ir-Roma billi jitneħħew l-ostakoli għall-aċċess għall-impjeg;

Or. en

Emenda 227
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20c. Jinsisti biex, permezz ta' interventi urġenti u mmirati, ikun possibbli għal dawk li huma parti minn minoranzi etnolingwistiċi li jiġġieldu kontra l-proċess tal-qerda tal-patrimonju kulturali, letterarju, storiku u artistiku prezzjuż li tirrappreżenta l-kultura tagħhom.

Or. it

Emenda 228
Kinga Gál, Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20c. Jissuġġerixxi sforzi għall-promozzjoni tal-bini ta' fiduċja bejn u l-koeżistenza tal-komunitajiet li tradizzjonalment jgħixu qrib ta' xulxin permezz tat-tagħlim dwar l-identità, l-identitajiet reġjonali ta' xulxin, il-lingwi ta' xulxin fiż-żewġ direzzjonijiet u l-istorja, il-patrimonju u l-kultura ta' xulxin għal fehim aħjar u rispettt akbar għad-diversità;

Or. en

Emenda 229
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20c. Jirrimarka li t-tkabbir l-aktar reċenti u dak futur wassal u se jwassal għal numru dejjem akbar ta' Stati Membri karatterizzati minn diversità kulturali u lingwistika; jemma, għalhekk, li l-UE għandha responsabbiltà partikolari biex tiproteġi d-drittijiet tal-minoranzi;

Or. en

Emenda 230
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20c. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrifurmaw is-sistemi edukattivi nazzjonali tagħhom sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet tat-tfal Roma u sabiex ineħħu arranġamenti edukattivi segregati;

Or. en

Emenda 231
Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20d. Jistieden lill-Istati Membri jirrifurmaw is-sistemi edukattivi nazzjonali tagħhom sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet tat-tfal Roma u sabiex ineħħu arranġamenti edukattivi segregati;

Or. en

Emenda 232
Kinga Gál, Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20d. Iqis li l-parteċipazzjoni effettiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażata fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-governanza proprja hija waħda mill-aktar metodi effettivi ta' ġestjoni tal-problemi tal-minoranzi nazzjonali, b'osservanza tal-aħjar prattiki li jeżistu fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 233
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20d. Iqis li l-komunitajiet ta' minoranza nazzjonali tradizzjonali jirrappreżentaw kontribuzzjoni speċjali lejn il-kultura Ewropea, u għalhekk il-politiki pubbliċi għandhom ikunu ffukati aktar fuq il-protezzjoni tagħhom filwaqt li l-Unjoni nnifisha għandha tindirizza dawn il-ħtiġijiet b'mod aktar xieraq;

Or. en

Emenda 234
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20d. Itenni t-talba tiegħu għal approċċ immirat għall-inklużjoni soċjali tan-nisa Roma sabiex jiġu evitati d-diskriminazzjoni multipla u s-segregazzjoni etnika;

Or. en

Emenda 235

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20e (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20e. Itenni t-talba tiegħu għal approċċ immirat għall-inklużjoni soċjali tan-nisa Roma sabiex jiġu evitati d-diskriminazzjoni multipla u s-segregazzjoni etnika;

Or. en

Emenda 236

Antigoni Papadopoulou

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottointestatura 4**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Opportunitajiet indaqs

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u d-drittijiet tan-nisa

Or. en

Emenda 237

Sophia in 't Veld, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottointestatura 4**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Opportunitajiet indaqs

Emenda

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

Or. en

**Emenda 238
Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottointestatura 4**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Opportunitajiet indaqs

Emenda

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

Or. en

**Emenda 239
Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Opportunitajiet indaqs

Emenda

Ugwaljanza u drittijiet soċjali

Or. fr

**Emenda 239
Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Opportunitajiet indaqs

Ugwaljanza u drittijiet soċjali

Or. fr

Emenda 240

Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21. Jiddispijaċih mill-impatt limitat tal-inizjattivi tal-UE u nazzjonali fil-qasam tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment fil-kuntest tal-impjeg;

21. Jiddispijaċih mill-impatt limitat tal-inizjattivi tal-UE u nazzjonali fil-qasam tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment fil-kuntest tal-impjeg; ***jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu miri u strateġiji tal-impjeg speċifiċi fil-qafas tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u tal-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għan-nisa u l-irġiel biex dawn jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol; bil-ħsieb li titneħħa d-differenza stabbilita bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u tan-nisa, dawn il-miri għandhom jindirizzaw il-konċentrazzjoni persistenti tan-nisa f'xogħol part-time, bi ħlas baxx u prekarju u jiżguraw modi suffiċjenti biex tiġi rikonċiljata l-ħajja tal-familja u x-xogħol inklużi faċilitajiet tal-kura ta' livell għoli ta' kwalità għat-tfal u għal persuni dipendenti oħra;***

Or. en

Emenda 241

Edit Bauer

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

21. Jiddispjaċih mill-impatt limitat tal-inizjattivi tal-UE u nazzjonali fil-qasam tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment fil-kuntest tal-impjeg;

Emenda

21. Jiddispjaċih mill-impatt limitat tal-inizjattivi tal-UE u nazzjonali fil-qasam tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment fil-kuntest tal-impjeg ***u jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri għal rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tal-familja u tax-xogħol għall-ġenerazzjonijiet kollha tan-nisa;***

Or. en

**Emenda 242
Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

21. Jiddispjaċih mill-impatt limitat ***tal-inizjattivi tal-UE*** u nazzjonali fil-qasam tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment fil-kuntest ***tal-impjeg;***

Emenda

21. Jiddispjaċih mill-impatt limitat ***tal-kampanji u l-inizjattivi*** nazzjonali ***u Ewropej*** fil-qasam tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment fil-kuntest ***tas-suq tax-xogħol u r-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet;***

Or. fr

**Emenda 243
Anna Hedh, Britta Thomsen, Jean Lambert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21a. Jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu miri tal-impjeg speċifiċi fil-

*qafas tal-Programmi ta' Riforma
Nazjonali sabiex jiġi żgurat li n-nisa
jkollhom aċċess ugwali bħall-irġiel biex
jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol; bil-
ħsieb li titneħħa d-differenza stabbilita
bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u
tan-nisa, dawn il-miri għandhom
jindirizzaw il-konċentrazzjoni persistenti
tan-nisa f'xogħol part-time, bi ħlas baxx u
prekarju u jiżguraw modi suffiċjenti biex
tiġi rikonċiljata l-ħajja tal-familja u x-
xogħol inklużi faċilitajiet tal-kura ta'
livell għoli ta' kwalità għat-tfal u għal
persuni dipendenti oħra;*

Or. en

Emenda 244
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*21a. Iqis li n-nuqqas ta' rappreżentanza
tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi
huwa nuqqas għad-drittijiet fundamentali
u għad-demokrazija; jilqa' l-miżuri
pożittivi li ġew introdotti f'xi Stati Membri
bħal sistemi ta' parità leġiżlati u kwoti tal-
irġiel u n-nisa, bħala Prattiki tajba
essenzjali u jistieden lill-Istati Membri
b'rappreżentanza partikolarment baxxa
tan-nisa fil-ħajja politika biex
jikkunsidraw li jadottawhom ukoll;*

Or. en

Emenda 245
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21a. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar iż-żieda fl-inugwaljanzi u l-faqar li tirriżulta mill-konsegwenzi soċjali tal-kriżi ekonomika u finanzjarja; Jenfasizza li dawn is-sitwazzjonijiet fraġli, jolqtu b'mod partikolari t-tfal, in-nisa u l-anzjani u li dawn iwasslu għal numru ta' ksur tad-drittijiet fundamentali speċjalment id-dritt għall-impjieg, għall-akkomodazzjoni, għas-saħħa, għall-edukazzjoni, għall-kultura, għall-ġustizzja, eċċ.; Jinnota li d-diskriminazzjonijiet li jirriżultaw huma ta' spiss bosta u li dawn jikkostitwixxu insult għad-dinjità u għad-drittijiet indaqs għal kulħadd b'mod partikolari skont l-Artikolu 1 tal-UDHR;

Or. fr

Emenda 246
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21a. Jirrimarka dwar il-fatt li n-nisa għadhom qed ibatu minħabba d-diskriminazzjoni f'diversi oqsma tal-ħajja ta' kuljum, minkejja l-leġiżlazzjoni fis-seħħ rigward il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u b'diżappunt jinnota li, wara leġiżlazzjoni li ilha li ħarġet kważi 40 sena, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa ftit li xejn naqset;

Or. en

Emenda 247
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21b. Iqis li l-vjolenza kontra n-nisa hija l-aktar vjolazzjoni mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem fil-każ tal-bniet u tan-nisa fid-dinja, inkluż fl-UE; jistieden lill-KE biex tistabbilixxi l-2015 bħala s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa, u sabiex twassal strateġija relatata fl-UE kollha biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa kif imħabbar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2010, li tinkludi strumenti legalment vinkolanti, azzjonijiet li jqajmu kuxjenza, ġbir ta' dejta u finanzjament għal NGOs li jiffokaw fuq in-nisa;

Or. en

Emenda 248
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21b. Jinnota li l-politiki ekonomiċi u soċjali li huma attwalment mwettqa fi ħdan l-Unjoni Ewropea għandhom konsegwenzi serji fuq id-drittijiet sindakali, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi, il-ħarsien soċjali tal-ħaddiema fl-Unjoni; Jenfasizza li l-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali m'għandhiex tkun skuża biex jiddgħajfu d-drittijiet soċjali u d-drittijiet għal pagi, kif iddikjarat minn M. Somavia, id-Direttur Ġenerali tal-ILO, quddiem il-Parlament Ewropew fl-20 ta' Settembru 2011, li fakkar li d-drittijiet

għax-xogħol u l-ħarsien tal-individwi u t-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u l-benesseri tan-nies huma fost il-valuri li fuqhom inbniet l-Unjoni Ewropea;

Or. fr

Emenda 249
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21c. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar id-drittijiet umani sesswali u riproduttivi kif imsemmi fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Frar 2010¹ u tat-8 ta' Marzu 2011² dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2009 u 2010; jesprimi tħassib f'dan ir-rigward dwar restrizzjonijiet reċenti għall-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi f'xi Stati Membri, b'mod partikolari l-abort sikur u legali, l-edukazzjoni sesswali u t-tnaqqis fil-finanzjament għall-ippjanar tal-familja;

¹ P7_TA(2010)0021

² P7_TA(2011)0085

Or. en

Emenda 250
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22a. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jesploraw l-implimentazzjoni ta'

Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) fil-qafas legali tal-UE;

Or. en

Emenda 251

Anna Hedh, Britta Thomsen, Jean Lambert

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22a. Jistieden lill-UE biex telimina l-politiki li jstabilixxu dipendenza bejn il-membri tal-familja fil-qafas tar-riunifikazzjoni tal-familja u jstieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħtu lin-nisa migranti stat ta' residenza awtonoma, speċjalment f'każijiet ta' vjolenza domestika;

Or. en

Emenda 252

Sophia in 't Veld, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22a. Itenni l-pożizzjoni tiegħu rigward id-drittijiet umani sesswali u riproduttivi kif imsemmi fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011¹ u tat-13 ta' Marzu 2012² dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2010 u 2011; f'dan ir-rigward jesprimi tħassib dwar restrizzjonijiet reċenti għall-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi f'xi Stati Membri, b'mod partikolari l-

abort sikur u legali, l-edukazzjoni sesswali u t-tnaqqis fil-finanzjament għall-ippjanar tal-familja;

¹ P7_TA(2011)0085

² P7_TA(2012)0069

Or. en

Emenda 253

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22b. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw il-protezzjoni ta' ħaddiema tqal u ta' nisa li jkunu fuq liv tal-maternità permezz ta' miżuri effettivi;

Or. en

Emenda 254

Anna Hedh, Britta Thomsen

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22b. Iqis li n-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi hija kwistjoni ta' drittijiet fundamentali u ta' demokrazija; jilqa' s-sistemi ta' parità leġiżlati u l-kwoti tal-irġiel u n-nisa li ġew introdotti fi Franza, Spanja, il-Belġju, is-Slovenja, il-Portugall u l-Polonja, u jistieden lill-Istati Membri b'rappreżentanza partikolarment baxxa ta' nisa f'assembleji politiċi biex jikkunsidraw li jintroduċu miżuri leġiżlattivi vinkolanti;

Emenda 255

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22c. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-vjolenza kontra n-nisa, il-vjolenza domestika u l-isfruttament sesswali fil-forom kollha tiegħu, u biex jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin;

Emenda 256

Anna Hedh, Britta Thomsen

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22c. Iqis li l-vjolenza kontra n-nisa hija l-aktar vjolazzjoni mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem fil-każ tal-bniet u tan-nisa fid-dinja, inkluż fl-UE; jistieden lill-KE biex tistabbilixxi l-2015 bħala s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa, u sabiex twassal strateġija relatata fl-UE kollha biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa kif imħabbar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2010, li tinkludi strumenti legalment vinkolanti, azzjonijiet li jqajmu kuxjenza, ġbir ta' dejta u finanzjament għall-NGOs li jiffokaw fuq in-nisa;

Emenda 257

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 22d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22d. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jindirizzaw id-diskriminazzjoni multipla u jipproteġu lin-nisa li huma parti minn minoranzi etniċi u lill-immigranti nisa;

Or. en

Emenda 258

Anna Hedh, Britta Thomsen, Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 22d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22d. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar id-drittijiet umani sesswali u riproduttivi kif imsemmi fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Frar 2010¹ u t-8 ta' Marzu 2011² dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2009 u 2010; jesprimi tħassib f'dan ir-rigward dwar restrizzjonijiet reċenti għall-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi f'xi Stati Membri, b'mod partikolari l-abort sikur u legali, l-edukazzjoni sesswali u t-tnaqqis fil-finanzjament għall-ippjanar tal-familja;

¹ P7_TA(2010)0021

² P7_TA(2011)0085

Or. en

Emenda 259
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottointestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*L-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-
ġens*

L-orjentazzjoni sesswali

Or. en

Emenda 260
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

23. Jitlob lill-Istati Membri jirreġistraw u jinvestigaw krimini ta' mibgħeda kontra nies omosesswali, bisesswali u transesswali (LGBT) u jadottaw leġiżlazzjoni kriminali li tipprojbixxi l-inċitament fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġens;

imħassar

Or. en

Emenda 261
Lorenzo Fontana

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

23. Jitlob lill-Istati Membri jirreġistraw u jinvestigaw krimini ta' mibgħeda kontra nies omosesswali, bisesswali u

imħassar

transesswali (LGBT) u jadottaw leġiżlazzjoni kriminali li tipprojbixxi l-inċitament fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġens;

Or. en

Emenda 262
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

23. *Jitlob lill-Istati Membri jirreġistraw u jinvestigaw krimini ta' mibgħeda kontra nies omoesswali, bisesswali u transesswali (LGBT) u jadottaw leġiżlazzjoni kriminali li tipprojbixxi l-inċitament fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġens;*

Emenda

23. *Jistieden lill-Istati Membri jirreġistraw u jinvestigaw krimini ta' mibgħeda kontra nies omoesswali, bisesswali u transesswali (LGBT);*

Or. it

Emenda 263
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

24. *Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi riformulazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobia permezz ta' liġi kriminali li tinkludi forom oħra ta' krimini preġudikanti, inkluż fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġens u espressjoni tal-ġens;*

Emenda

imħassar

Or. it

Emenda 264
Lorenzo Fontana

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

24. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi riformulazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobia permezz ta' liġi kriminali li tinkludi forom oħra ta' krimini preġudikanti, inkluż fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġens u espressjoni tal-ġens;

imħassar

Or. en

Emenda 265
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

24. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi riformulazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobia permezz ta' liġi kriminali li tinkludi forom oħra ta' krimini preġudikanti, inkluż fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġens u espressjoni tal-ġens;

24. Jitlob lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Deċiżjoni tal-Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobia u biex jevalwaw il-bżonn reali ta' titjib permezz ta' atti leġiżlattivi ġodda tal-UE;

Or. en

Emenda 266
Anna Záborská

PE494.582v01-00

32/126

AM\910031MT.doc

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

25. Jitlob lill-Istati Membri jadottaw il-qafas leġiżlattiv nazzjonali biex jindirizzaw diskriminazzjonijiet imġarrba minn nies LGBT u koppji tal-istess sess fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew identità tal-ġens, u jħeġġiġhom jiggerantixxu implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali tal-UE eżistenti u tal-każistika CJEU;

imħassar

Or. en

**Emenda 267
Lorenzo Fontana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

25. Jitlob lill-Istati Membri jadottaw il-qafas leġiżlattiv nazzjonali biex jindirizzaw diskriminazzjonijiet imġarrba minn nies LGBT u koppji tal-istess sess fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew identità tal-ġens, u jħeġġiġhom jiggerantixxu implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali tal-UE eżistenti u tal-każistika CJEU;

imħassar

Or. en

**Emenda 268
Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

25. *Jitlob* lill-Istati Membri jadottaw il-qafas leġiżlattiv nazzjonali biex jindirizzaw diskriminazzjonijiet imġarrba minn nies LGBT u koppji tal-istess sess fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew identità tal-ġens, ***u jħeġġiġhom jiggwarantixxu implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali tal-UE eżistenti u tal-każistika CJEU;***

Emenda

25. *Jistieden* lill-Istati Membri jadottaw il-qafas leġiżlattiv nazzjonali biex jindirizzaw diskriminazzjonijiet imġarrba minn nies LGBT u koppji tal-istess sess fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew identità tal-ġens;

Or. it

Emenda 269

Monika Flašíková Beňová, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek

f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

25. *Jitlob* lill-Istati Membri jadottaw il-qafas leġiżlattiv nazzjonali biex jindirizzaw diskriminazzjonijiet imġarrba minn nies LGBT u koppji tal-istess sess fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew identità tal-ġens, u jħeġġiġhom jiggwarantixxu implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali tal-UE eżistenti u tal-każistika CJEU;

Emenda

25. *Jistieden* lill-Istati Membri jadottaw il-qafas leġiżlattiv nazzjonali biex jindirizzaw diskriminazzjonijiet imġarrba minn nies LGBT u koppji tal-istess sess fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew identità tal-ġens, u jħeġġiġhom jiggwarantixxu implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali tal-UE eżistenti u tal-każistika CJEU ¹;

¹ *Każ C-147/08, Jürgen Römer v Freie und Hansestadt Hamburg; Kawża C-267/06; Tadao Maruko v Versorgungsanstalt der deutschen Bühnen*

Or. en

Emenda 270

Monika Flašíková Beňová, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek

f isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

25a. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli għall-effetti tal-proprjetà taż-żwiġijiet u tas-sħubijiet irreġistrati; iqis madankollu li l-għażla ta' żewġ strumenti differenti¹ u ta' approċċ separat għal sħubijiet irreġistrati u żwiġijiet mhijiex ġustifikata; iqis li l-istess għażliet ta' ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għandhom japplikaw fiż-żewġ każijiet;

¹ COM(2011)127 finali u COM(2011)126 finali.

Or. en

**Emenda 271
Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

25a. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli għall-effetti tal-proprjetà taż-żwiġijiet u tas-sħubijiet irreġistrati; iqis madankollu li l-għażla ta' żewġ strumenti differenti u ta' approċċ separat għal sħubijiet irreġistrati u żwiġijiet mhijiex ġustifikata; iqis li l-istess għażliet ta' ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għandhom japplikaw fiż-żewġ każijiet;

Emenda 272
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**26. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li
adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn
persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-
dispożizzjonijiet adottati minn Stati
Membri oħra li għandhom effetti simili;**

imħassar

Or. it

Emenda 273
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

**26. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li
adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn
persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-
dispożizzjonijiet adottati minn Stati
Membri oħra li għandhom effetti simili;**

imħassar

Or. en

Emenda 274
Lorenzo Fontana

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-dispożizzjonijiet adottati minn Stati Membri oħra li għandhom effetti simili;

imħassar

Or. en

Emenda 275

Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo, Sonia Alfano

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-dispożizzjonijiet adottati minn Stati Membri oħra li għandhom effetti simili;

26. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-dispożizzjonijiet adottati minn Stati Membri oħra li għandhom effetti simili ***u jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ proposta b'dan l-għan; ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sih id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, inkluż għal koppji tal-istess sess u għat-tfal tagħhom; jilqa' l-fatt li aktar u aktar Stati Membri introduċew u/jew adattaw il-liġijiet tagħhom dwar il-koabitazzjoni, is-sħubija ċivili u ż-żwieġ biex jiġu meġhluba d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali li jgħixu minnha l-koppji tal-istess sess u t-tfal tagħhom u jistieden lil Stati Membri oħra biex jintroduċu liġijiet simili;***

Or. en

Emenda 276

Monika Flašíková Beňová, Michael Cashman, Raül Romeva i Rueda, Ulrike Lunacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

26. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-dispożizzjonijiet adottati minn Stati Membri oħra li għandhom effetti simili;

Emenda

26. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-dispożizzjonijiet adottati minn Stati Membri oħra li għandhom effetti simili; ***ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, inkluż għal koppji tal-istess sess u għat-tfal tagħhom;***

Or. en

Emenda 277

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek

f'isem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

26a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għar-rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-effetti tad-dokumenti kollha tal-istat ċivili fl-UE kollha, inkluż rikonoxximent tas-sess legali, żwiġijiet u sħubijiet irreġistrati, sabiex jitnaqqsu l-ostakoli legali u amministrattivi diskriminatorji għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu;

Emenda

Emenda 278
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għar-rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-effetti tad-dokumenti kollha tal-istat ċivili fl-UE kollha, inkluż żwiġijiet u sħubijiet irreġistrati, sabiex jitnaqqsu l-ostakoli legali u amministrattivi diskriminatorji għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu;

Emenda 279
Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo, Sonia Alfano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jintervjenu b'mod aktar qawwi kontra l-omofobija, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali, inkluż billi jistiednu lis-sindki u lill-pulizija fl-Istati Membri biex jiproteġu l-libertà tal-espressjoni u d-dimostrazzjoni waqt prides LGBTI u billi jappoġġjawhom b'mod uffiċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex fl-aħħar issegwi t-talbiet ripetuti mill-Parlament Ewropew u mill-NGOs u toħroġ b'mod urġenti l-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ugwaljanza fuq il-bażi tal-

orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi, li għandu jiġi mniedi mhux aktar tard mill-2013;

Or. en

Emenda 280

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26b. Jiddenunzja l-fatt li l-persuni transgender għadhom meqjusa bħala li huma mentalment morda f'għadd ta' Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu jew jirrevedu l-proċeduri ta' rikonoxximent legali tas-sess fuq il-mudell tal-Arġentina u biex jirrevedu l-kundizzjonijiet (inkluż l-isterilizzazzjoni sfurzata) li ġew stabbiliti għar-rikonoxximent legali tas-sess; Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex ineħħu l-mard ta' identità tas-sess mil-lista ta' mard mentali u tal-imġiba u biex jiżguraw riklassifikazzjoni mhux patoloġika fin-negozjati relatati mal-11 il-verżjoni tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-11);

Or. en

Emenda 281

Kinga Göncz

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26b. Jistieden lill-Kummissjoni biex tuża r-riżultati ta' dan l-istħarriġ sabiex tħejji Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ugwaljanza fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, bil-ħsieb li jiġi adottat sal-2014;

Or. en

Emenda 282

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek
fisem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26c. Jilqa' s-sett ġdid ta' regoli dwar l-ażil li ġew introdotti fid-Direttiva tal-Kwalifiki u li jinkludu l-identità tal-ġeneru bħala raġuni għall-persekuzzjoni; itenni li l-pakkett dwar l-ażil għandu jibqa' koerenti u jinkludi l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fid-Direttiva dwar il-Proċedura tal-Ażil;

Or. en

Emenda 283
Kinga Göncz

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26c. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva ta' parteċipanti f'avvenimenti pubbliċi

LGBT, inklużi l-parati tal-omosesswali, u biex jiżguraw li dawn l-avvenimenti jkunu jistgħu jiġu organizzati legalment;

Or. en

Emenda 284

Monika Flašíková Beňová, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26d (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26d. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw aċċess għall-impjieg u għal merkanzija u servizzi mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq l-identità tal-ġeneru, b'konformità mal-liġijiet tal-UE¹;

¹ *Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid); Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi.*

Or. en

Emenda 285

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26e (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26e. Jilqa' t-tnedija ta' stħarriġ FRA li se jiġbor dejta komparabbli dwar l-esperjenza tal-persuni LGBT fl-Unjoni Ewropea u l-Kroazja;

Or. en

Emenda 286

Monika Flašíková Beňová, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek
f'isem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26f. Jilqa' t-tnedija ta' stħarriġ FRA li se jiġbor dejta komparabbli dwar l-esperjenza tal-persuni LGBT fl-Unjoni Ewropea u l-Kroazja;

Or. en

Emenda 287

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek
f'isem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26g. Jistieden lill-Kummissjoni biex tuża r-riżultati ta' dan l-istħarriġ sabiex tħejji Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ugwaljanza fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, bil-ħsieb li jiġi adottat sal-2014;

Emenda 288

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Michael Cashman, Sophia in 't Veld, Raül Romeva i Rueda, Renate Weber, Ulrike Lunacek
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26h (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26h. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-parteciċipanti f'avvenimenti pubbliċi LGBT, inklużi l-parati tal-omosesswali, u biex jiżguraw li dawn l-avvenimenti jkunu jistgħu jiġu organizzati legalment;

Emenda 289

Monika Flašíková Beňová, Michael Cashman, Raül Romeva i Rueda, Ulrike Lunacek

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26i (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

26i. Jistieden lill-Istati Membri biex jittrasponu b'mod sħiħ id-Direttiva 2003/86/KE tal-Kunsill dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, mingħajr ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess jew tal-orjentazzjoni sesswali; ifakkar li, skont ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-koppji tal-istess sess jaqgħu taħt l-ambitu tal-ħajja tal-familja¹;

¹ *Schalk u Kopf v Austria, Applikazzjoni Nru. 30141/04, QEDB*

Emenda 290
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

27. Iqis li huwa aktar probabbli li d-drittijiet fundamentali ta' persuni LGBT jkunu mħarsa jekk ikun hemm aċċess għal istituzzjonijiet legali bħall-koabitazzjoni, sħubija reġistrata jew żwieġ; jilqa' pożittivament il-fatt li 16-il Stat Membru attwalment joffru dawn l-għażliet u jistieden lil Stati Membri oħra jikkunsidraw li jagħmlu dan;

imħassar

Or. it

Emenda 291
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

27. Iqis li huwa aktar probabbli li d-drittijiet fundamentali ta' persuni LGBT jkunu mħarsa jekk ikun hemm aċċess għal istituzzjonijiet legali bħall-koabitazzjoni, sħubija reġistrata jew żwieġ; jilqa' pożittivament il-fatt li 16-il Stat Membru attwalment joffru dawn l-għażliet u jistieden lil Stati Membri oħra jikkunsidraw li jagħmlu dan;

imħassar

Or. en

Emenda 292
Lorenzo Fontana

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

27. Iqis li huwa aktar probabbli li d-drittijiet fundamentali ta' persuni LGBT jkun mħarsa jekk ikun hemm aċċess għal istituzzjonijiet legali bħall-koabitazzjoni, sħubija reġistrata jew żwieġ; jilqa' pożittivament il-fatt li 16-il Stat Membru attwalment joffru dawn l-għażliet u jistieden lil Stati Membri oħra jikkunsidraw li jagħmlu dan;

imħassar

Or. en

Emenda 293
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottointestatura 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Iż-żgħażaġh, l-anzjani u n-nies b'***diżabilità***

Iż-żgħażaġh, l-anzjani u n-nies b'***diżabilitajiet***

Or. en

Emenda 294
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottointestatura 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Iż-żgħażaġh, l-anzjani u ***n-nies b'diżabilità***

Iż-żgħażaġh, l-anzjani u ***l-persuni b'diżabilitajiet***

Emenda 295
Anna Hedh, Britta Thomsen, Jean Lambert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

28a. Jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi b'koordinazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali sabiex titwettaq ir-riċerka u tiġi pprovduta gwida f'livell Ewropew u tal-Istati Membri fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u tal-bniet b'diżabilitajiet; għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-prattiki ta' sterilizzazzjoni sfurzata u ta' abort sfurzat, li jistgħu jitqiesu bħala tortura jew trattament inuman jew degradanti, u li għalhekk għandhom ikunu proċessati u penalizzati;

Emenda 296
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

29. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw ***L-integrazzjoni*** ta' ħaddiema żgħażaġh, b'mod partikolari dawk effettwati mill-kriżi ekonomika, fis-suq *ta-xogħol*;

29. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw ***L-inklużjoni*** ta' ħaddiema żgħażaġh, b'mod partikolari dawk effettwati mill-kriżi ekonomika, fis-suq *tax-xogħol*;

Emenda 297
Mariya Gabriel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

29. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw l-integrazzjoni ta' ħaddiema żgħażaġh, b'mod partikolari dawk effettwati mill-kriżi ekonomika, fis-suq *ta-xogħol*;

Emenda

29. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw l-integrazzjoni ta' ħaddiema żgħażaġh, b'mod partikolari dawk effettwati mill-kriżi ekonomika, fis-suq *tax-xogħol*, **inkluż permezz tal-organizzazzjoni u d-disponibbiltà ta' tatriġ immirat lejn il-promozzjoni soċjali taż-żgħażaġh**;

Or. fr

Emenda 298
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

29a. **Jiddispjaċih li ż-żgħażaġh f'uħud mill-Istati Membri għadhom qed jiġu pproċessati u mogħtija sentenzi ta' priġunerija peress li d-dritt ta' oġġezzjoni kuxjenzjuża kontra s-servizz militari għadu mhuwiex rikonoxxut b'mod adegwat u jstieden lill-Istati Membri biex iwaqqfu l-persekuzzjoni ta' u d-diskriminazzjoni kontra dawk li joġġezzjonw b'mod kuxjenzjuż;**

Or. en

Emenda 299
Mario Borghezio

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena **2012** ssir is-Sena ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *Jitlob* lill-Istati Membri itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, jiġġieldu l-abbuż kontrihom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar;

Emenda

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena **2013** ssir is-Sena ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *Jistieden* lill-Istati Membri itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, jiġġieldu l-abbuż kontrihom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar;

Or. it

**Emenda 300
Antigoni Papadopoulou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 **ssir is-Sena** ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *jitlob* lill-Istati Membri **itejbu l-kwalità tal-ħajja** tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, jiġġieldu l-abbuż kontrihom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar;

Emenda

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 **tiġi ddikjarata s-Sena** ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *jistieden* lill-Istati Membri **biex jirrikonoxxu u jirrispettaw id-drittijiet** tal-anzjani **sabiex igawdu ħajja ta' dinjità u ta' kwalità tajba** billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, **tagħlim tul il-ħajja u programmi oħra għall-inklużjoni soċjali u kulturali tagħhom, kif ukoll billi** jiġġieldu l-abbuż kontrihom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar;

Or. en

**Emenda 301
Mariya Gabriel**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 ssir is-Sena ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *Jitlob* lill-Istati Membri itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, jiġġieldu l-abbuż kontribom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar;

Emenda

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 ssir is-Sena ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *Jistieden* lill-Istati Membri itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, jiġġieldu l-abbuż kontribom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar; ***jenfasizza li ċ-ċittadini attivi u voluntiera, rġiel u nisa, li għandhom 'il fuq minn 65 sena, jikkontribwixxu bis-sħiħ u b'ħafna modi għall-ħajja ta' kuljum tas-soċjetà;***

Or. fr

Emenda 302
Mikael Gustafsson

f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Lívia Járóka, Mariya Gabriel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 ssir is-Sena ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *jitlob* lill-Istati Membri itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, jiġġieldu l-abbuż kontribom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar;

Emenda

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 ssir is-Sena ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *jistieden* lill-Istati Membri itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, jiġġieldu l-abbuż kontribom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar; ***ifakkar li n-nisa anzjani jgħixu aktar ta' spiss taħt il-linja tal-faqar minħabba d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, u wara minħabba d-differenza bejn il-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa;***

Emenda 303
Petru Constantin Luhan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 ssir is-Sena ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *Jitlob* lill-Istati Membri itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, jiġġieldu l-abbuż kontrihom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar;

Emenda

30. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 ssir is-Sena ta' Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; *Jistieden* lill-Istati Membri itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani billi jipprovdu servizzi soċjali adegwati, ***jadottaw miżuri biex*** jiġġieldu l-abbuż ***u kull forma ta' vjolenza*** kontrihom billi jippromwovu l-indipendenza tagħhom bl-appoġġ tar-rinnovazzjoni u l-aċċessibilità tad-djar;

Or. ro

Emenda 304
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

30a. Jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi b'koordinazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali sabiex titwettaq ir-riċerka u tiġi pprovduta gwida f'livell Ewropew u nazzjonali fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet; jenfasisza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-prattiki ta' sterilizzazzjoni sfurzata u ta' abort sfurzat, li jistgħu jitqiesu bħala tortura jew trattament inuman jew degradanti, u li għalhekk għandhom ikunu proċessati u

penalizzati;

Or. en

Emenda 305
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30a. Jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi b'koordinazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali sabiex titwettaq ir-riċerka u tiġi pprovduta gwida f'livell Ewropew u tal-Istat Membru fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u tal-bniet b'diżabilitajiet; għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-prattiki ta' sterilizzazzjoni sfurzata u ta' abort sfurzat, li jistgħu jitqiesu bħala tortura jew trattament inuman jew degradanti, u li għalhekk għandhom ikunu proċessati u penalizzati;

Or. en

Emenda 306
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30a. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jirrattifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet (CRPD) u biex jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kollha jkunu konformi mal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 u jimmiraw

*li jtejbu l-aċċessibilità, l-impjieg u l-
edukazzjoni u t-taħriġ inklussivi, kif ukoll
l-għajxien indipendenti għal persuni
b'diżabilità;*

Or. en

Emenda 307
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*30a. Jitlob għal soluzzjoni innovattiva
dwar l-aċċessibilità għall-informazzjoni u
l-komunikazzjoni dwar l-aċċess taċ-
ċittadini torox u dawk bi problemi fis-
smiġh għall-istituzzjonijiet u l-konferenzi
tal-UE fuq il-bażi tar-riżoluzzjonijiet tal-
PE tas-17 ta' Ġunju 1988 dwar il-lingwi
tas-sinjali għall-persuni torox¹, tat-18 ta'
Novembru 1998 dwar il-lingwi tas-sinjali²
u tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità
u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilitajiet u
l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità
2010-2020, skont l-Artikoli 2, 21, 24 u 30
tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet
tal-persuni b'diżabilitajiet;*

¹ ĠU C 187, 18.7.1988, paġ. 236

² ĠU C 379, 1998

³ P7_TA(2011)0453

Or. en

Emenda 308
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30a. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jirrattifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet (CRPD) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha u jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kollha jkunu konformi mal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 u jkollhom l-għan li jtejbu l-aċċessibilità, l-impjieg, l-edukazzjoni inklussiva u t-taħriġ, kif ukoll l-għajxien indipendenti għal persuni b'diżabilità;

Or. en

Emenda 309
Petru Constantin Luhan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30a. Jitlob lill-Istati Membri biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità, b'mod speċjali fir-rigward tal-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol;

Or. ro

Emenda 310
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30a. Jinsab imħasseb dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, inkluż l-istampa, fl-Unjoni, inkluż bħala riżultat tal-kriżi

ekonomika attwali; Jikkundanna l-kondizzjonijiet li fihom jaħdmu ċerti ġurnalisti u l-ostakoli li jkollhom speċjalment meta dawn isegwu xi avvenimenti; Jinsab partikolarment imħasseb dwar it-tentazzjoni ta' xi Stati Membri li jdgħajfu l-ħarsien tas-sorsi tal-ġurnalisti u l-abbiltà tal-ġurnalisti li jinvestigaw iċ-ċrieki tal-poter; Jiddispjaċih ħafna għall-attitudni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tagħmel kwalunkwe proposta leġiżlattiva biex tiggarrantixxi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, skont l-Artikolu 11 tal-Karta;

Or. fr

Emenda 311
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30b. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għall-impjiegi u t-taħriġ ta' persuni b'diżabilitajiet, inklużi persuni b'diżabilitajiet psikosoċjali, bl-użu ta' fondi tal-UE eżistenti;

Or. en

Emenda 312
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30b. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għall-impjiegi u t-taħriġ ta' persuni b'diżabilitajiet, inklużi

persuni b'diżabilitajiet intelletwali, bl-użu ta' fondi tal-UE eżistenti;

Or. en

Emenda 313
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30b. Jilqa l-adozzjoni mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tar-riżoluzzjoni li tirrikonoxxi d-drittijiet fil-qasam tal-Internet, b'mod partikolari dwar l-aċċess għan-netwerk u l-libertà ta' espressjoni; Jenfasizza l-ħtieġa tal-ħidma favur "il-promozzjoni, il-ħarsien u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, fuq l-Internet u permezz ta' teknoloġiji oħra", waqt li jinnota li dawn id-drittijiet għandhom jiġu rispettati irrispettivament mill-fruntieri, jew mill-midja; Jitlob lill-UE u l-Istati Membri biex jimplimentaw din ir-riżoluzzjoni fil-liġi domestika u jiżguraw il-promozzjoni tagħha fil-livell internazzjonali;

Or. fr

Emenda 314
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30c. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw l-organizzazzjonijiet li huma attivi fl-għoti ta' appoġġ għall-għajxien

indipendenti ta' persuni b'diżabilità u għal programmi ta' deistituzzjonalizzazzjoni;

Or. en

Emenda 315
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-finanzjament tal-UE għal azzjonijiet interni u esterni ma jintużawx biex jinħolqu ostakoli jew biex tiġi ġġenerata diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilitajiet u sabiex jiġu stabbiliti miżuri adegwati fl-adozzjoni ta' programmi ta' finanzjament ġodda biex dan jiġi evitat;

Or. en

Emenda 316
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-fondi tal-UE ma jkunux immirati lejn ir-rinnovament jew il-bini ta' istituzzjonijiet ġodda għal persuni b'diżabilitajiet iżda minflok jintużaw biex jiffaċilitaw il-ħajja fil-komunità, skont l-Artikoli 5 u 19 tas-CRPD u l-Artikoli 21 u 26 tal-Karta;

Or. en

Emenda 317

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 30e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

30e. Jenfasizza l-bżonn li l-parteciċipazzjoni politika tal-persuni b'diżabilitajiet fl-elezzjonijiet tiġdid billi jiġu akkomodati l-bżonnijiet speċjali tagħhom;

Or. en

Emenda 318

Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Subintestatura 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Libertà u pluraliżmu tal-midja

Or. fr

Emenda 319

Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Subintestatura 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Protezzjoni tad-dejta

Protezzjoni tad-dejta ***u aċċess għall-Internet***

Or. fr

Emenda 320
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

31. Itenni li d-dritt ta' awto determinazzjoni *fuq id-dejta* personali u d-dritt tal-privatezza huma elementi fundamentali ta' personalità, dinjità umana u libertà ta' persuna;

Emenda

31. Itenni li d-dritt ta' awto determinazzjoni *u l-protezzjoni tad-dejta ta' karattru* personali u d-dritt tal-privatezza huma elementi fundamentali ta' personalità, dinjità umana u libertà ta' persuna, *u jfakkar li d-dispożizzjonijiet f'dan il-qasam għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' skop, neċessità u proporzjonalità inkluż waqt in-negozjati u l-konklużjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali; Ifakkar għalhekk l-opinjonijiet kritiċi tal-KEPD, speċjalment dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/24/KE, u n-newtralità tal-internet li jenfasizza l-konsegwenzi ta' ċerti metodi ta' monitoraġġ adottati minn xi fornituri ta' servizzi elettroniċi, u jiddispijaċih li l-Kummissjoni ma kkunsidrathomx bħala parti mill-proposti u d-deċiżjonijiet tagħha; Jikkundanna l-fatt li, skont it-tieni rapport tal-Awtorità ta' Kontroll Komuni (JSB) tal-Europol, l-implimentazzjoni tal-ftehim TFTP bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerika ma ttrispettax il-garanziji dgħajfa tat-tali ftehim fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta ta' karattru personali, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 4 u 5;*

Or. fr

Emenda 321
Konrad Szymański, Janusz Wojciechowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

32. Jenfasizza li r-riformi tar-reġim ta' protezzjoni tad-dejta tal-UE għandu jżid it-trasparenza u l-kuxjenza tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jagħmel ir-rimedji u s-sanzjonijiet aktar effettivi; jisħaq li t-tbaxxija tal-istandards eżistenti u t-tnaqqis tal-kompetenzi nazzjonali, **inkluż ddawk** tal-qrati kostituzzjonali, huwa barra mill-kwistjoni;

Emenda

32. Jenfasizza li r-riformi tar-reġim ta' protezzjoni tad-dejta tal-UE għandu jżid it-trasparenza u l-kuxjenza tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jagħmel ir-rimedji u s-sanzjonijiet aktar effettivi; jisħaq li t-tbaxxija tal-istandards eżistenti u t-tnaqqis tal-kompetenzi nazzjonali, **u r-rwol tal-kostituzzjonijiet nazzjonali** u tal-qrati kostituzzjonali, huwa barra mill-kwistjoni;

Or. en

Emenda 322

Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

32. Jenfasizza li r-riformi tar-reġim ta' protezzjoni tad-dejta tal-UE għandu **jżid** it-trasparenza u l-kuxjenza tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jagħmel ir-rimedji u s-sanzjonijiet aktar effettivi; Jisħaq li t-tbaxxija tal-istandards eżistenti u t-tnaqqis tal-kompetenzi nazzjonali, **inkluż ddawk** tal-qrati kostituzzjonali, huwa barra mill-kwistjoni;

Emenda

32. Jenfasizza li r-riformi tar-reġim ta' protezzjoni tad-dejta tal-UE għandu **jiggarantixxi din il-protezzjoni, iżid ukoll** it-trasparenza u l-kuxjenza tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jagħmel ir-rimedji u s-sanzjonijiet aktar effettivi; **Jikkundanna l-bosta eżenzjonijiet u eċċezzjonijiet għall-prinċipji li jirregolaw il-protezzjoni tad-dejta ta' karattru personali, inkluż il-prinċipju ta' limitazzjoni tal-iskop, u fit-trasferiment tad-dejta f'pajjiżi terzi; Jinsab imħasseb dwar id-dgħjufija tal-protezzjoni tad-dejta ta' karattru personali li tinsab fil-proposta tad-Direttiva b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-dejta fl-oqsma legali;** Jisħaq li t-tbaxxija tal-istandards eżistenti u t-tnaqqis tal-kompetenzi nazzjonali, **inkluż dawk** tal-qrati kostituzzjonali, huwa barra mill-kwistjoni;

Or. fr

Emenda 323
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

32. Jenfasizza li r-riformi tar-reġim ta' protezzjoni tad-dejta tal-UE għandu jżid it-trasparenza u l-kuxjenza tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jagħmel ir-rimedji u s-sanzjonijiet aktar effettivi; jisħaq li ***t-tbaxxija tal-istandards eżistenti u t-tnaqqis tal-kompetenzi nazzjonali, inkluż ddawk tal-qrati kostituzzjonali, huwa barra mill-kwistjoni;***

Emenda

32. Jenfasizza li r-riformi tar-reġim ta' protezzjoni tad-dejta tal-UE għandu jżid it-trasparenza u l-kuxjenza tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jagħmel ir-rimedji u s-sanzjonijiet aktar effettivi; ***ihēgġeg lill-Kunsill biex jimpenja ruħu lejn qafas ta' protezzjoni tad-dejta komprensiv b'armonizzazzjoni uniformi u ta' livell għoli ibbażat fuq id-Direttiva 95/46/KE ; jisħaq li huwa ta' importanza kruċjali li standards tal-protezzjoni tad-dejta komprensivi previsti fil-qasam tal-infurzar tal-liġi jkopru wkoll l-ipproċessar domestiku tad-dejta;***

Or. en

Emenda 324
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

32. Jenfasizza li r-riformi tar-reġim ta' protezzjoni tad-dejta tal-UE għandu jżid it-trasparenza u l-kuxjenza tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jagħmel ir-rimedji u s-sanzjonijiet aktar effettivi; jisħaq li ***t-tbaxxija tal-istandards eżistenti u t-tnaqqis tal-kompetenzi nazzjonali, inkluż ddawk tal-qrati kostituzzjonali, huwa barra mill-kwistjoni;***

Emenda

32. Jenfasizza li r-riformi tar-reġim ta' protezzjoni tad-dejta tal-UE għandu jżid it-trasparenza u l-kuxjenza tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta u jagħmel ir-rimedji u s-sanzjonijiet aktar effettivi; ***tingħata s-setgħa lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta biex ikollhom il-kompetenza li jimponu multi ta' deterrent fuq min jikser il-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta tal-UE; jisħaq li t-tbaxxija tal-istandards eżistenti u t-tnaqqis tal-kompetenzi nazzjonali, inkluż***

dawk tal-qradi kostituzzjonali, huwa barra mill-kwistjoni;

Or. en

Emenda 325
Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32a. Huwa mħasseb dwar it-tendenzi eżistenti ta' restrizzjoni tal-indipendenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta u jilqa' l-viġilanza tal-Kummissjoni; jistieden lill-Istati Membri biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet eżistenti u mal-każistika rilevanti¹;

¹ CJEU, C-518/07, il-Kummissjoni v. il-Ġermanja, 9 ta' Marzu 2010.

Or. en

Emenda 326
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32a. Huwa mħasseb dwar it-tendenzi eżistenti ta' restrizzjoni tal-indipendenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta u jilqa' l-viġilanza tal-Kummissjoni; jistieden lill-Istati Membri biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet eżistenti u mal-każistika rilevanti;

Or. en

Emenda 327
Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2006/24/KE dwar iż-Żamma ta' Data, filwaqt li tqis in-nuqqasijiet enfasizzati fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni, mill-EDPS, minn bosta parlamenti nazzjonali u mill-qradi kostituzzjonali ta' bosta Stati Membri li ddikjaraw li l-implimentazzjoni tagħha mhijiex kostituzzjonali;

Or. en

Emenda 328
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ikkunsidrat it-tħassir tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta jew li mill-inqas jiġu esplorati alternattivi għaż-żamma ta' dejta, bħal preżervazzjoni mgħaġġla tad-dejta u ġbir immirat ta' dejta dwar it-traffiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li huma intrinżiċi għal sistema ta' żamma tad-dejta ġenerali, bħal telf u użu ħażin tad-dejta, żbalji fl-irkupru tad-dejta u ksur tal-kunfidenzjalità dwar il-komunikazzjonijiet ma' professjonisti tas-saħħa, avukati u ġurnalisti;

Emenda 329
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32a. Jesprimi x-xokk tiegħu dwar id-destin traġiku ta' dawk li jmutu waqt li jkunu qegħdin jippruvaw jilħqu t-territorju Ewropew b'mod partikolari dawk li jippruvaw jiġu bil-baħar; Jinsab imħasseb fuq il-kwistjonijiet li jinqalgħu fl-ilqugħ tal-barranin speċjalment fir-rigward tad-dritt għall-asil; Jitlob li l-obbligu tas-salvataġġ fuq il-baħar jiġi kompletament rispettatt mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li l-liġijiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri għandhom jiġu emendati b'mod li s-salvataġġ fuq il-baħar ikun obbligu u li l-baħħara li jsalvaw lill-immigranti ma jiġu qatt akkużati li huma kuntrabandisti u kkundannati talli għenu lill-persuni fil-periklu, kif ukoll li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-riżoluzzjoni 1872(2012) tal-Kunsill tal-Ewropa adottata fl-24 ta' April 2012;

Or. fr

Emenda 330
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32b. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqasijiet tad-Direttiva dwar iż-Żamma

ta' Dejta li ġew enfasizzati fir-rapport tal-Kummissjoni, mill-EDPS, minn bosta parlamenti nazzjonali u mill-qradi kostituzzjonali ta' bosta Stati Membri li ddikjaraw li mhijiex kostituzzjonali;

Or. en

Emenda 331
Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32b. Huwa mħasseb minħabba n-nuqqas ta' progress fin-negozjati għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada għat-trasferiment u l-użu ta' dejta PNR għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra kriminalità transnazzjonali serja oħra; jirrimarka li l-ftehim li ġie ffirmat fl-2005 m'għadux validu, minħabba l-iskadenza tad-Deċiżjoni ta' Adegwatezza f'Settembru 2009, u li t-trasferiment ta' dejta PNR seħħ minn dik id-data fuq il-bażi tal-ftehimiet unilaterali tal-Kanada mal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 332
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32b. Jirrimarka bi tħassib li l-ewwel ispezzjoni mwettqa mill-Korp Sorveljanza Konġunta Europol (JSB) tqajjem tħassib serju dwar il-konformità tal-Ftehim

TFTP tal-UE mal-Istati Uniti mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta; iqis li l-konklużjonijiet tal-JSB jenfasizzaw in-natura difettuża tal-ftehim innifsu, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol tal-Europol li jivverifika n-neċessità u l-proporzjonalità tat-talbiet tal-Istati Uniti għad-dejta SWIFT; jenfasizza li, minflok l-ikkupjar tal-approċċ tal-Istati Uniti permezz tat-tfassil ta' sistema Ewropea ta' rintraċċar tal-finanzi tat-terroristi, il-problemi bil-ftehim TFTP għandhom iwasslu għal riflessjonijiet xierqa dwar in-neċessità u l-proporzjonalità ta' din is-sistema;

Or. en

Emenda 333
Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32c. Jilqa' l-fatt li skont il-ftehim dwar il-PNR bejn l-UE u l-Awstralja, id-dejta tinġabar biss għal skopijiet ta' prevenzjoni, tisjib, investigazzjoni u pproċessar ta' reati relatati mat-terroriżmu jew mal-kriminalità transnazzjonali serja, u li jiġu żgurati salvagwardji effettivi ta' rimedju u ta' protezzjoni;

Or. en

Emenda 334
Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32c (ġdid)

32c. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza t-tħassib espress mill-EDPS, il-grupp ta' ħidma tal-Artikolu 29, l-EECS, l-FRA u minn bosta parlamenti nazzjonali rigward id-direttiva proposta dwar ir-Reġistru Ewropew tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR), billi l-ambitu tal-applikazzjoni tat-titjiriet lejn u minn pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u t-tul taż-żmien taż-żamma tad-dejta u l-lista ta' dejta maħżuna jiġu limitati u billi tiġi żgurata evalwazzjoni effettiva tas-sistema;

Or. en

Emenda 335
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32c (ġdid)

32c. Jiddispjaċih li bosta mit-talbiet ewlenin tiegħu ma ġewx issodisfati mill-Ftehim dwar il-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti (b'mod partikolari limitazzjoni tal-iskop għall-kriminalità transnazzjonali serja, perjodi ta' ħżin limitati, esklużjoni tal-estrazzjoni tad-dejta u tal-ħolqien ta' profili ta' dejta, kif ukoll aċċess xieraq u drittijiet ta' rimedju); jenfasisza li l-Kummissjoni ppreżentat biss evidenza aneddottali dwar l-utilità tad-dejta PNR fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja u evitat dibattitu serju dwar in-neċessità u l-proporzjonalità, b'mod partikolari fid-dawl tal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża dwar il-projbizzjoni tal-ħolqien ta' profili u ż-

*żamma ġenerali tad-dejta ta' persuni innoċenti; jissottolinja li l-Kummissjoni ma esploratx b'mod xieraq alternattivi inqas intrużivi għall-analiżi tad-dejta PNR bħal dik ipprovduta bl-użu tal-**Informazzjoni Avanzata** dwar il-**Passiġġieri** jew billi l-użu ta' dejta PNR jiġi ristrett għal każijiet fejn ikunu diġà ġew stabbiliti indikazzjoni jew suspett inizjali;*

Or. en

Emenda 336
Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32d. Jiddispjaċih li fil-Ftehim dwar il-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti, l-iskopijiet għall-ġbir tad-dejta PNR mhumiex espliċiti u li s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-dejta previsti fil-ftehim mhumiex kompletament konformi mal-istandards tal-UE;

Or. en

Emenda 337
Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32d. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Ftehim TFTP tal-UE mal-Istati Uniti seta' ma ġiex implimentat skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim; jenfasizza li l-ewwel u t-tieni spezzjoni

*mwettqa mill-Korp ta' Sorveljanza
Konġunta Europol (JSB) iqajmu tħassib
serju dwar il-konformità tal-Ftehim
TFTP tal-UE mal-Istati Uniti mal-
prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta;*

Or. en

Emenda 338

Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 32e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*32e. Jistieden lill-Kummissjoni biex
tindirizza t-tħassib espress mill-EDPS, il-
grupp ta' ħidma tal-Artikolu 29, mill-
EECS, mill-FRA u minn bosta parlamenti
nazzjonali rigward id-direttiva proposta
dwar ir-Reġistru Ewropew tal-Ismijiet tal-
Passiġġieri (PNR), billi l-ambitu tal-
applikazzjoni tat-titjiriet lejn u minn
pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu
internazzjonali u t-tul taż-żmien taż-
żamma tad-dejta u l-lista ta' dejta
maħżuna jiġu limitati u billi tiġi żgurata
evalwazzjoni effettiva tas-sistema;*

¹ COM(2011) 32 finali.

Or. en

Emenda 339

Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 32e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32e. Ma jqisx il-komunikazzjoni tal-

Kummissjoni fuq sistema Ewropea ta' rintraċċar tal-finanzi tat-terroristi bħala bażi adegwata għan-negozjati; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġiżlattiva għal qafas legali u tekniku għall-estrazzjoni tad-dejta f'territorju tal-UE, fejn tiġi żgurata konformità sħiħa mal-istandards Ewropej tal-protezzjoni tad-dejta;

Or. en

Emenda 340

Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32f (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32f. Jirrimarka bi tħassib li l-ewwel ispezzjoni mwettqa mill-Korp Sorveljanza Konġunta Europol (JSB) tqajjem tħassib serju dwar il-konformità tal-Ftehim TFTP tal-UE mal-Istati Uniti mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta;

Or. en

Emenda 341

Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32g (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32g. Jenfasizza li sistema Ewropea ta' rintraċċar tal-finanzi tat-terroristi¹ għandha tkun sistema ta' estrazzjoni effiċjenti u mmirata bi drittijiet tal-aċċess ċari li tiżgura t-terminazzjoni tat-trasferimenti attwali ta' dejta f'massa lejn l-Istati Uniti malajr kemm jista' jkun;

Emenda 342
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

33. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċedura għal regoli aktar koordinati li jiggvernaw lil min ifittex kemm, f'konformità mal-każistika tal-QĠUE u l-QETD;

Emenda

33. Jenfasizza li l-kriterji stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Dublin irriżultaw inadegwati, b'mod partikolari wara l-każistika tal-QĠUE u l-QETD; Jinsab imħasseb li r-riforma li għaddejja ma ssolvix dawn il-kontradizzjonijiet u ma tirsipettax id-drittijiet ta' dawk li jfittxu l-asil;

Emenda 343
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

33a. Ifakkar lill-Istati Membri li għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-refuġjati u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha, li jipprojbixxi li dawn jintbagħtu lura lejn il-fruntieri tagħhom;

Emenda

Emenda 344

Anna Hedh, Britta Thomsen, Jean Lambert

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

33a. Jinnota li teżisti disparità kbira ħafna fir-rikonoxximent ta' persekuzzjonijiet ibbażati fuq il-ġeneru fi proċeduri tal-ażil fl-UE; jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw u jimplimentaw linji gwida dwar il-ġeneru għal dawk li inizjalment jieħdu d-deċiżjonijiet u għall-imħallfin fuq il-bażi tal-linji gwida rilevanti għas-sess tal-UNHCR u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil għall-iżvilupp ta' għodod sabiex tkun żgurata perspettiva ta' ugwəljanza bejn is-sessi fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil;

Or. en

Emenda 345

Sophia in 't Veld

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

33a. Jinnota li teżisti disparità kbira fir-rikonoxximent ta' persekuzzjonijiet ibbażati fuq il-ġeneru u fuq is-sess fi proċeduri tal-ażil fl-UE; jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw u jimplimentaw linji gwida dwar il-ġeneru għal dawk li inizjalment jieħdu d-deċiżjonijiet u l-għall-imħallfin fuq il-bażi tal-linji gwida rilevanti għall-ġeneru tal-UNHCR u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil għall-iżvilupp ta' għodod sabiex tkun żgurata perspettiva ta' ugwəljanza bejn is-sessi fis-Sistema

Emenda 346
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

34. *Jitlob* lill-Istati Membri jiffukaw fuq politiki migratorji legali effettivi **u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Kollha Immigranti u Membri tal-Familji Tagħhom;**

Emenda

34. *Jistieden* lill-Istati Membri jiffukaw fuq politiki migratorji legali effettivi;

Emenda 347
Mikael Gustafsson
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Lívia Járóka, Mariya Gabriel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

34. *Jitlob* lill-Istati Membri jiffukaw fuq politiki migratorji legali effettivi u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Kollha Immigranti u Membri tal-Familji Tagħhom;

Emenda

34. *Jistieden* lill-Istati Membri jiffukaw fuq politiki migratorji legali effettivi u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Kollha Immigranti u Membri tal-Familji Tagħhom; ***jissottolinja li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-migranti nisa li huma partikolarment vulnerabbli;***

Emenda 348
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

34. *Jitlob* lill-Istati Membri jiffukaw fuq politiki migratorji legali effettivi u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Kollha Immigranti u Membri tal-Familji Tagħhom;

Emenda

34. *Jistieden* lill-Istati Membri jiffukaw fuq politiki migratorji legali ***miftuħa u*** effettivi u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Kollha Immigranti u Membri tal-Familji Tagħhom;

Or. fr

Emenda 349
Anna Hedh, Britta Thomsen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

34a. Iqis li t-tolleranza għall-prostituzzjoni fl-Ewropa twassal għal żieda fit-traffikar ta' nisa fl-Ewropa għal skopijiet sesswali u għat-turiżmu sesswali; jistieden lill-UE biex tistabbilixxi mekkaniżmi biex tiżgura li l-analiżi dwar l-ugwaljanza tas-sessi tat-traffikar tal-bnedmin tkun parti mil-liġijiet u l-politiki kollha li huma mmirati biex jipprevnu u jiġġieldu t-traffikar u biex jindirizzaw il-kawżi bażiċi tat-traffikar permezz ta' miżuri preventivi bħal sanzjonijiet, kampanji edukattivi u kampanji ta' għarfien;

Or. en

Emenda 350
Sylvie Guillaume

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

34a. Ifakkar li l-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa dritt fundamentali u jitlob b'mod partikolari lill-Istati Membri biex jagħmlu mezz li dan id-dritt ikun disponibbli fil-prattika, inkluż lill-immigranti irregolari, speċjalment in-nisa tqal u l-minorenni, waqt li jirrifletti t-tħassib espress mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rapport tagħha tal-11 ta' Ottubru 2011;

Or. fr

Emenda 351
Mikael Gustafsson

f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Livia Járóka, Mariya Gabriel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

34a. Jilqa' l-“Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 – 2016 u l-ħidma tal-Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Traffikar; ifakkar li d-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 t'April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi ta' stupri tal-massa, tat-traffikar fi bnedmin jew ta' forom oħra ta' abbuż sesswali jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti u d-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi

standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'risidenza illegali huma għodod utli għall-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar u għandhom ikunu implimentati bis-sħiħ;

Or. en

Emenda 352
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

35. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li ***t-tlestija tas-Sistema ta' Kemm Komuni Ewropew (CEAS) ssir sal-aħħar tal-2012*** kif ippjanat;

Emenda

35. ***Jikkundanna l-progress li qed isir bil-mod fl-adozzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) u jiddispijaċih li l-approċċ tal-Unjoni ffoka fuq il-kontroll tal-migrazzjoni aktar milli fuq l-aċċess għall-ħarsien internazzjonali tal-bżonnijiet tan-nies li għandhom jibbenefikaw minnu; Jitlob lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jiżguraw li s-SEKA tiġi implimentata sal-aħħar tal-2012 kif ippjanat, b'mod konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri dwar l-asil;***

Or. fr

Emenda 353
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

PE494.582v01-00

76/126

AM\910031MT.doc

*ġeneru fi proċeduri tal-ażil fl-UE;
jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw u
jimplementaw linji gwida dwar il-ġeneru
għal dawk li inizzjalment jieħdu d-
deċiżjonijiet u għall-imħallfin fuq il-bażi
tal-linji gwida rilevanti għas-sess tal-
UNHCR u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ
għall-Ażil għall-iżvilupp ta' għodod
sabiex tkun żgurata perspettiva ta'
ugwaljanza bejn is-sessi fis-Sistema
Ewropea Komuni tal-Ażil;*

Or. en

Emenda 354

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*35a. Jilqa' t-titjib fid-Direttiva riveduta
dwar il-Kwalifiki¹, l-aktar ir-
rikonoxximent akbar tal-forom ta'
persekkuzzjoni speċifiċi għall-ġeneru, l-
inklużjoni tal-identità tal-ġeneru bħala
raġuni għall-persekkuzzjoni li għaliha
għandha tiġi pprovduta l-protezzjoni u l-
impenn biex jiġiqies l-aqwa interess tat-
tfal;*

¹ ĠU L 337, 20.12.2011, paġ.9.

Or. en

Emenda 355

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 35b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35b. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva dwar il-Kwalifiki b'mod li tiġi żgurata konsistenza sħiħa mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jistieden lill-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan biex imorru lil hinn mil-livell minimu ta' benefiċċji u drittijiet żgurati fit-test;

Or. en

Emenda 356

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35c. Jenfasizza li l-ambitu mwessa' tad-Direttiva dwar Residenti għal Żmien Twil¹ għar-refuġjati u l-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja se tikkontribwixxi għall-integrazzjoni effettiva tagħhom li tinkludi benefiċċji għall-UE u għall-Istati Membri;

¹ ĠU L 132, 19.5.2011, paġ. 1

Or. en

Emenda 357

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35d (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35d. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li

tfassal mill-ġdid id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza¹ u jisħaq li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza bażiċi għandhom jiġu offruti mill-mument li dawk li jfittxu l-ażil jaslu u li dawn għandhom ikunu imħeġġa biex jikkontribwixxu għall-komunità ospitanti, irrISPettivament mit-tul tal-permanenza tagħhom;

¹ COM(2011) 320 finali.

Or. en

Emenda 358

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35e (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35e. Jenfasizza li lakuni u ambigwitajiet fil-proposta emendata ta' Direttiva dwar il-proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar ta' status ta' protezzjoni internazzjonali¹ għandhom jiġu indirizzati b'mod li jkun jista' jippermetti lill-Istati Membri li jevitaw ir-riskju ta' spejjeż miżjuda u użu ħażin possibbli, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għal deċiżjonijiet dwar l-ażil li huma ġusti u ta' kwalità għolja għal dawk li jeħtieġu l-protezzjoni;

¹ COM (2011) 319 finali.

Or. en

Emenda 359

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35f (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35f. Jirrakkomanda t-twaqqif ta' timijiet ta' esperti dwar l-ażil li jassistu lill-Istati li għandhom infrastrutturi tal-ażil insuffiċjenti; hu tal-fehma li l-eżistenza ta' standards minimi u ta' mekkaniżmi ta' valutazzjoni tal-kwalità jistgħu jtejbu l-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil;

Or. en

**Emenda 360
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35g (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35g. Jenfasizza li dawk li jfittxu l-ażil ma jgawdux minn livelli ekwivalenti ta' protezzjoni proċedurali u sostantiva fl-Istati Membri kollha minħabba traspożizzjoni inadegwata tal-liġijiet tal-KE jew minħabba approċċi għall-implimentazzjoni li jkunu differenti;

Or. en

**Emenda 361
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35h (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35h. Jesprimi tħassib dwar l-impatt attwali tas-sistema ta' Dublin fuq id-

drittijiet legali ta' dawk li jfittxu l-ażil, inkluż id-dritt tagħhom li jkollhom it-talba tagħhom għall-ażil eżaminata b'mod ġust, u fejn din tkun rikonossuta, għal protezzjoni effettiva, kif ukoll dwar id-distribuzzjoni mhux ugwali tat-talbiet għall-ażil fost l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 362

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35i (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

35i. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkompletati n-negozjati dwar mekkaniżmu effettiv għas-sospensjoni ta' trasferimenti skont ir-Regolament Dublin II għall-Istati Membri fejn ikun hemm riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, b'konformità mal-każistika reċenti tal-QEDB¹ u tas-CJEU²;

¹ *Fil-kawża M.S.S. v. il-Belġju u l-Greċja il-QEDB ikkundannat lill-Greċja u lill-Belġju għall-ksur tal-Artikoli 3 u 13 tal-QEDB.*

² *Kawżi Kongunti: NS/Secretary of State for the Home Department (Inghilterra u Wales - C-411/10) and M. E. e. a./Refugee Applications Commissioner, Minister for Justice, Equality and Law Reform (Irlanda - C-493/10), sentenza tal-21 ta' Diċembru.*

Or. en

Emenda 363
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

36. Jisħaq l-impenn tiegħu li jiżgura skrutinju parlamentari sħiħ għall-Aġenziji JHA tal-UE, l-aktar Europol, Frontex, Cepol, Eurojust u l-Aġenzija għall-immaniġjar operattiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira; ***Jitlob lill dawk l-aġenziji biex isaħħu d-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attivitajiet tagħhom;***

Emenda

36. Jisħaq l-impenn tiegħu li jiżgura skrutinju parlamentari sħiħ għall-Aġenziji JHA tal-UE, l-aktar Europol, Frontex, Cepol, Eurojust u l-Aġenzija għall-immaniġjar operattiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira;

Or. it

Emenda 364
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

36. Jisħaq l-impenn tiegħu li jiżgura ***skrutinju*** parlamentari sħiħ għall-Aġenziji JHA tal-UE, l-aktar Europol, Frontex, Cepol, Eurojust u l-Aġenzija għall-immaniġjar operattiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira; Jitlob lill dawk l-aġenziji biex ***isaħħu d-dimensjoni*** tad-drittijiet fundamentali tal-attivitajiet tagħhom;

Emenda

36. Jisħaq l-impenn tiegħu li jiżgura ***eżaminazzjoni u kontroll*** parlamentari sħiħ għall-Aġenziji JHA tal-UE, l-aktar Europol, Frontex, Cepol, Eurojust u l-Aġenzija għall-immaniġjar operattiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira; Jitlob lill dawk l-aġenziji biex ***jiggarantixxu r-rispett*** tad-drittijiet fundamentali tal-attivitajiet tagħhom;

Or. fr

Emenda 365
Mariya Gabriel

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

36. Jisħaq l-impenn tiegħu li jiżgura skrutinju parlamentari sħiħ għall-Aġenziji JHA tal-UE, l-aktar Europol, Frontex, Cepol, Eurojust u l-Aġenzija għall-immaniġjar operattiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira; Jitlob lill dawk l-aġenziji biex isaħħu d-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attivitatiet tagħhom;

Emenda

36. Jisħaq l-impenn tiegħu li jiżgura skrutinju parlamentari sħiħ għall-Aġenziji JHA tal-UE, l-aktar Europol, Frontex, Cepol, Eurojust u l-Aġenzija għall-immaniġjar operattiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira; Jitlob lill dawk l-aġenziji biex isaħħu d-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attivitatiet tagħhom, **u b'mod partikolari, biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-kontrolli fil-fruntieri interni u esterni;**

Or. fr

Emenda 366

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

36a. Jinfasizza l-bżonn li jsir monitoraġġ tal-implimentazzjoni prattika tal-mandat tal-EASO u li l-aspetti relatati mad-drittijiet fundamentali tal-ħidma tal-Europol għandhom jiġu indirizzati fin-negozjar mill-ġdid tal-mandat tiegħu fl-2013;

Emenda

36a. Jinfasizza l-bżonn li jsir monitoraġġ tal-implimentazzjoni prattika tal-mandat tal-EASO u li l-aspetti relatati mad-drittijiet fundamentali tal-ħidma tal-Europol għandhom jiġu indirizzati fin-negozjar mill-ġdid tal-mandat tiegħu fl-2013;

Or. en

Emenda 367

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

36b. Jitlob għall-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u tal-Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet futuri ta' Schengen;

Or. en

Emenda 368

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

36c. Jenfasizza li l-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità tad-dejta miġbura u maħżuna għandhom japplikaw għat-teknoloġiji l-ġodda għall-ħżin tad-dejta personali u għas-sorveljanza tal-fruntieri;

Or. en

Emenda 369

Mario Borghezio

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

37. Jikkritika bil-qawwi l-proposti relatati mal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri Schengen, minħabba li dan idgħajjef il-moviment ħieles fi ħdan l-UE u t-tħaddim tal-kooperazzjoni Schengen;

imħassar

Or. it

Emenda 370
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

37. **Jikkritika** bil-qawwi l-proposti relatati mal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri Schengen, minħabba li dan idgħajjed il-moviment ħieles fi ħdan l-UE u t-tħaddim tal-kooperazzjoni Schengen;

Emenda

37. **Jikkundanna** bil-qawwi l-proposti relatati mal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri Schengen, minħabba li dan idgħajjed il-moviment ħieles fi ħdan l-UE u t-tħaddim tal-kooperazzjoni Schengen; **Jikkundanna wkoll il-proposta tal-Kummissjoni rigward il-fruntieri intelliġenti proposti li jiġġeneralizzaw is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-Unjoni permezz ta' mezzi teknoloġiċi u jsaħħu l-istabbiliment tal-Ewropa bħala fortizza, iżda l-ewwel u qabel kollox huma insult lejn id-dinjità tal-bniedem għax iħalltu l-immigrazzjoni mal-kriminalità u jiksru d-dritt għall-moviment ħieles tal-persuni;**

Or. fr

Emenda 371
Renate Weber, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

37. **Jikkritika** bil-qawwi **l-proposti relatati mal-introduzzjoni** mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri Schengen, minħabba li dan idgħajjed il-moviment ħieles fi ħdan l-UE u t-tħaddim **tal-kooperazzjoni** Schengen;

Emenda

37. **Ma jaqbilx** bil-qawwi **mar-raġunijiet il-ġodda għall-introduzzjoni** mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri Schengen, minħabba li dan idgħajjed il-moviment ħieles fi ħdan l-UE u t-tħaddim **taż-żona** Schengen.

Or. en

Emenda 372
Mitro Repo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

37. Jikkritika bil-qawwi l-proposti relatati mal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri Schengen, minħabba li dan idgħajjef il-moviment ħieles fi ħdan l-UE u t-tħaddim tal-kooperazzjoni Schengen;

Emenda

37. Jenfasizza li l-libertà tal-moviment fi ħdan iż-żona Schengen hija waħda mill-aktar drittijiet konkreti taċ-ċittadin;
Jikkritika bil-qawwi l-proposti relatati mal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri Schengen, minħabba li dan idgħajjef il-moviment ħieles fi ħdan l-UE u t-tħaddim tal-kooperazzjoni Schengen;

Or. fi

Emenda 373
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

38. Jisħaq l-impostanza ta' mekkaniżmi ta' evalvazzjoni u monitoraġġ biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen f'konformità mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali;

Emenda

imħassar

Or. it

Emenda 374
Ioan Enciu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

38. Jisħaq l-impostanza ta' mekkaniżmi ta' evalvazzjoni u monitoraġġ biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta'

Emenda

38. Jesprimi t-tħassib tiegħu għaż-żieda mhux konformi mill-Istati Membri bl-acquis ta' Schengen, b'hekk jimminaw il-

Schengen f'konformità mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali;

libertà tal-moviment fl-Unjoni Ewropea u għaldaqstant jisħaq *l-importanza* ta' mekkaniżmi ta' *evalwazzjoni* u monitoraġġ biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen **adottat** f'konformità **mal-Artikolu 77 TFUE u** mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali;

Or. ro

Emenda 375

Renate Weber, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

38. Jisħaq *l-impostanza* ta' mekkaniżmi ta' *evalwazzjoni* u monitoraġġ biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen f'konformità mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali;

Emenda

38. Jisħaq *l-importanza* ta' mekkaniżmi ta' *evalwazzjoni* u monitoraġġ **immexxija mill-UE** biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen f'konformità mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 376

Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

38. Jisħaq *l-impostanza* ta' mekkaniżmi ta' *evalwazzjoni* u monitoraġġ biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen f'konformità mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali;

Emenda

38. Jisħaq *l-importanza* ta' mekkaniżmi ta' *evalwazzjoni* u monitoraġġ **ibbażati fuq il-komunità** biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen f'konformità mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali;

Or. en

Emenda 377
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

38a. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' garanzji proċedurali armonizzati waqt l-ikkuntestar tal-legalità u l-proporzjonalità tal-ħruġ ta' allert fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jew f'databases nazzjonali komparabbli;

Or. en

Emenda 378
Sylvie Guillaume

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

38a. Jistieden lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-ħajja pubblika fil-livell lokali, u lil dawk li rratifikawh, biex japplikaw l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li jipprevedi l-għoti tad-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet lokali għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi terzi li kienu residenti regolari u abitwali fl-Istat ospitanti matul il-ħames snin ta' qabel l-elezzjonijiet;

Or. fr

Emenda 379
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

39. Jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jindirizzaw b'mod effettiv sfidi **bħat-tneġġija** tat-tfal mill-kustodja ta' ġenitur jew aktar, tfal neqsin, *struttament* sesswali tat-tfal u pornografija tat-tfal, protezzjoni ta' tfal immigranti mhux akkumpanjati u s-sitwazzjoni ta' tfal b'**diżabilita** istituzzjonalizzati;

Emenda

39. Jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jindirizzaw b'mod effettiv sfidi **bħat-tneħħija** tat-tfal mill-kustodja ta' ġenitur jew aktar, tfal neqsin, *sfruttament* sesswali tat-tfal u pornografija tat-tfal, protezzjoni ta' tfal immigranti mhux akkumpanjati u s-sitwazzjoni ta' tfal b'**diżabilitajiet** istituzzjonalizzati;

Or. en

Emenda 380
Petru Constantin Luhan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

39. Jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jindirizzaw b'mod effettiv sfidi **bħat-tneġġija** tat-tfal mill-kustodja ta' ġenitur jew aktar, tfal neqsin, *struttament* sesswali tat-tfal u pornografija tat-tfal, protezzjoni ta' tfal immigranti mhux akkumpanjati u s-sitwazzjoni ta' tfal b'**diżabilita** istituzzjonalizzati;

Emenda

39. Jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jindirizzaw b'mod effettiv sfidi **bħat-tneħħija** tat-tfal mill-kustodja ta' ġenitur jew aktar, tfal neqsin, *sfruttament* sesswali tat-tfal u pornografija tat-tfal, protezzjoni ta' tfal immigranti mhux akkumpanjati u s-sitwazzjoni ta' tfal b'**diżabilita** istituzzjonalizzati, **kif ukoll il-protezzjoni ta' tfal li sofrew minn abbuż domestiku u sfruttament fuq il-post tax-xogħol**;

Or. ro

Emenda 381
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

39a. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex iwaqqfu r-reklutaġġ, it-taħriġ u r-reġistrazzjoni militari kollha ta' persuni taħt it-tmintax-il sena; f'dan il-kuntest, ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iwettqu riforma fis-setturi tas-sigurtà u tad-difiża;

Or. en

Emenda 382
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40. Jilqa' ***l-Aġenda*** tal-UE tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tat-Tfal, l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura rispettt għal kulħadd, u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji, u l-fatt li d-Direttiva dwar vittmi ta' *kriminatlià* tiżgura livell ogħla ta' protezzjoni tat-tfal bħala vittmi *vilnerabbli*;

40. Jilqa' ***l-Aġenda*** tal-UE tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tat-Tfal, l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura rispettt għal kulħadd, u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji, u l-fatt li d-Direttiva dwar vittmi ta' *kriminalità* tiżgura livell ogħla ta' protezzjoni tat-tfal bħala vittmi *vulnerabbli*; ***jiddispjaċih madankollu li l-Aġenda ma tenfasizzax b'mod ċar ir-responsabbiltà minn qabel taż-żewġ ġenituri għall-benessri tat-tfal tagħhom u d-drittijiet tat-tfal;***

Or. en

Emenda 383
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40a. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprojbixxu l-impjeg tat-tfal taħt l-età minima ta' tluq mill-iskola; jissottolinja li ż-żghażaġh li jaħdmu għandhom ikunu protetti mill-isfruttament ekonomiku, u minn kwalunkwe aspett li jista' jkun ta' ħsara għas-sigurtà, is-saħħa, l-iżvilupp fiżiku, mentali, morali u soċjali tagħhom, kif ukoll minn kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jfixxlu l-edukazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 384

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40a. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri kollha biex jelaboraw politiki tajbin għat-tfal f'oqsma bħall-impjeg, l-ambjent, is-sigurtà jew il-migrazzjoni; jenfasizza l-importanza tal-investiment f'azzjonijiet li huma orjentati lejn it-tfal billi l-linji baġitarji eżistenti jiġu orjentati mill-ġdid u permezz ta' investimenti ġodda;

Or. en

Emenda 385

Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40a. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri kollha biex jellaboraw politiki tajbin għat-tfal, speċjalment fir-rigward tal-ġudikatura, l-edukazzjoni u l-protezzjoni tad-dejta;

Or. en

Emenda 386
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40a. Jenfasizza li l-ebda minorenni mhux akkumpanjat m'għandu jinżamm detenut u li anzi dawn huma persuni vulnerabbli li jeħtieġ li jiġu milqugħa b'mod speċifiku;

Or. fr

Emenda 387
Konrad Szymański, Janusz Wojciechowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40a. Iqis li fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, għandha titqies bis-sħiħ in-natura ewlenija tar-rwol ta' gwida li l-omm u l-missier jaqsmu fir-rigward tat-tfal tagħhom u l-pożizzjoni unika u privileġġjata tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal; barra minn hekk, l-iżvilupp armonjuż u sħiħ tal-personalità tat-tfal u l-protezzjoni

*tal-integrità psikoloġika tagħhom
għandhom jingħataw attenzjoni
partikolari;*

Or. en

Emenda 388
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*40a. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri
għandhom iqisu d-drittijiet u d-dmirijiet
tal-ġenituri, tal-kustodji legali, jew ta'
individwi oħra li huma legalment
responsabbli għat-tfal;*

Or. en

Emenda 389
Gianni Vattimo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*40a. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri
biex jiżguraw li l-impunità fi sħarriġ
dwar il-pedofilija ma tiġix ittollerata,
inkluż meta titwettaq minn saċerdoti, u
biex l-immunità diplomatika titneħħa;*

Or. en

Emenda 390
Renate Weber, Sophia in 't Veld

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40a. Jistieden lil partijiet interessati oħra bħal aġenziji tal-UE bħall-EUROPOL u lill-Istati Membri biex, filwaqt li jagħmlu d-drittijiet tal-bniedem kwistjoni ta' importanza kbira, tiġi żgurata kooperazzjoni fil-livell tal-UE f'approċċ olistiku, koordinat u integrat;

jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw oqfsa legali xierqa u definizzjoni xierqa u uniformi tat-traffikar tal-bnedmin u biex jiżguraw koordinazzjoni nazzjonali fost atturi tal-istat li jridu jiggarrantixxu l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-vittmi tat-traffikar ;

jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu r-riċerka fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin sabiex jaġġustaw kif xieraq il-politiki tal-gvern f'oqsma bħall-migrazzjoni, is-suq tax-xogħol, l-ekonomija, eċċ.;

Or. en

**Emenda 391
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40b. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni adegwata tad-Direttiva dwar il-ġlieda tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal¹ u tad-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin²;

¹ ĠU L335, 17.12.2011, paġ.1.

Emenda 392
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40b. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali lir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal, pereżempju permezz ta' programmi li jinkludu miżuri konkreti li huma adattati b'mod speċifiku għall-ħtiġijiet nazzjonali, li jkollhom l-għan li jipprovdu assistenza massima u mill-aqwa lill-ġenituri jew lill-kustodji fit-tweqqif tad-dmirijiet tagħhom bħala ġenituri sabiex jiġu evitati t-tkissir tal-familji, it-trattament ħażin tat-tfal u t-tqegħid f'kura soċjali minħabba faqar serju jew sabiex jiġi żgurat li miżura bħal din tkun prevista biss bħala l-aħħar alternattiva;

Emenda 393
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40c. Jistieden lill-Istati Membri kollha li għandhom m'għamlux hekk biex jirrattifikaw il-Protokoll Fakultattiv tal-NU CRC dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, u l-Konvenzjoni tal-2007 tal-Kunsill

*tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tat-tfal
kontra l-isfruttament sesswali u l-abbuż
sesswali;*

Or. en

Emenda 394
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*40d. Jilqa' l-fatt li bosta Stati Membri
diġà emendaw il-kodiċi kriminali
tagħhom biex jikkriminalizzaw il-vjolenza
fuq l-internet kif ukoll diversi forom ta'
vjolenza sesswali;*

Or. en

Emenda 395
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*40e. Jenfasizza l-bżonn li jiġi evalwat il-
progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar
tal-bnedmin fid-dawl tal-konklużjonijiet
tal-Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-
Traffikar;*

Or. en

Emenda 396
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40f (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40f. Jilqa' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar minorenni mhux akkumpanjati 2010-2014; jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-PE dwar il-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti dwar il-minorenni mhux akkumpanjati fil-proċess ta' migrazzjoni;

Or. en

Emenda 397

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40g (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40g. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissemplifika d-drittijiet tat-tfal fl-attivitajiet kollha tal-UE u biex tivvaluta x-xogħol li sar s'issa mill-Koordinatur tad-Drittijiet tat-Tfal u l-Forum Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

Or. en

Emenda 398

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40h (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

40h. Jinkoraġġixxi l-użu ta' indikaturi tad-drittijiet tat-tfal li ġew elaborati mill-FRA fir-reviżjoni tal-azzjonijiet tal-UE; jitolb biex issir elaborazzjoni ta' linji

*gwida prattiċi dwar kif dawn l-indikaturi
jistgħu jintużaw bl-aħjar mod;*

Or. en

Emenda 399
Petru Constantin Luhan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

41. Jiddispjaċih li ċittadini tal-UE residenti fi Stat Membru differenti minn tagħhom *m'hum* infurmati kif xieraq dwar id-drittijiet tagħhom u jhegġegħ lill-Istati Membri *jtejjbu* –*sistemi* ta' informazzjoni tagħhom;

Emenda

41. Jiddispjaċih li ċittadini tal-UE residenti fi Stat Membru differenti minn tagħhom *mhum* infurmati kif xieraq dwar id-drittijiet tagħhom u jhegġegħ lill-Istati Membri *jtejjbu s-sistemi* ta' informazzjoni tagħhom, ***b'mod speċjali fir-rigward ta' aċċess għal ġustizzja u d-dritt tagħhom għal rappreżentanza legali;***

Or. ro

Emenda 400
Anna Hedh, Britta Thomsen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

41a. Jenfasizza l-bżonn li d-dimensjoni neċessarja dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tad-drittijiet tal-vittmi tkun integrata fid-direttiva proposta li tistabbilixxi l-istandards minimi rigward id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità; id-definizzjoni ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru għandha tirreferi għall-vjolenza kontra n-nisa u d-definizzjoni ta' vjolenza f'relazzjonijiet magħluqa tehtiegħ dimensjoni tal-ġeneru konkreta;

Emenda

41a. Jenfasizza l-bżonn li d-dimensjoni neċessarja dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tad-drittijiet tal-vittmi tkun integrata fid-direttiva proposta li tistabbilixxi l-istandards minimi rigward id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità; id-definizzjoni ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru għandha tirreferi għall-vjolenza kontra n-nisa u d-definizzjoni ta' vjolenza f'relazzjonijiet magħluqa tehtiegħ dimensjoni tal-ġeneru konkreta;

Or. en

Emenda 401
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

41a. Jenfasizza l-bżonn li tiġi integrata d-dimensjoni neċessarja dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tad-drittijiet tal-vittmi fid-direttiva proposta li tistabilixxi l-istandards minimi fuq id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità u jinnota li d-definizzjoni ta' vjolenza f'relazżjonijiet magħluqa teħtieġ dimensjoni tal-ġeneru konkreta;

Or. en

Emenda 402
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

41a. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrifurmaw il-proċeduri tal-ażil tagħhom sabiex dawn jikkonformaw mar-rekwiżit li jiġi żgurat rimedju effettiv kif stipulat mill-każistika tal-QEDB u tas-CJEU, b'mod partikolari fir-rigward ta' limiti ta' żmien applikabbli biex jitressaq appell kontra deċiżjoni, deċiżjoni negattiva u dispożizzjonijiet dwar id-dritt ta' permanenza fil-pajjiż ospitanti matul il-proċess tal-appell;

Or. en

Emenda 403

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

41b. Jenfasizza l-importanza ta' negozjati fid-dawl tal-emendar tar-Regolament Dublin II u jenfasizza li m'għandhomx jiġu mfittxija proċeduri aktar effiċjenti għad-detriment tad-drittijiet tal-applikanti;

Or. en

Emenda 404

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

41c. Ifakkar l-importanza tad-direttiva għall-ħaddiema stagġjonali¹ għat-tnaqqis tal-irregolaritajiet fix-xogħol u r-riskju tal-isfruttament u jhegġegħ għal konklużjoni rapida tan-negozjati;

¹ COM(2010) 379 finali.

Or. en

Emenda 405

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41d (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

41d. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-evalwazzjoni tagħha tal-Ftehimiet Ewropej ta' Riammissjoni ¹ (EURAs) biex ma tibqax tappoġġja l-konklużjoni mgħaġġla ta' ftehimiet ġodda li jwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kunsill biex josserva l-prinċipju ta' "l-ebda ftehim għal kwalunkwe prezz";

¹ COM(2011) 76 finali.

Or. en

Emenda 406

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 41e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

41e. Jikkundanna b'mod qawwi l-użu estensiv tad-detenzjoni minn ħafna mill-Istati Membri għall-iffaċilitar tat-tneħħija tal-immigranti, inklużi l-minorenni, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jintroduċu alternattivi għad-detenzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

Or. en

Emenda 407

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 41f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

41f. Jitlob għal kontrolli fuq il-fruntieri li jkunu sensitivi għad-drittijiet fundamentali u jenfasizza l-ħtieġa għal sorveljanza demokratika mill-Parlament fuq operazzjonijiet tal-Frontex;

Or. en

Emenda 408
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Aċċess mill-aktar gruppi fqar għad-drittijiet fundamentali kollha tagħhom

Or. en

Emenda 409
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43a. Itenni b'urġenza l-appell tiegħu lill-Kunsill biex jinkludi s-suġġett 'Aċċess mill-aktar gruppi fqar għad-drittijiet fundamentali kollha tagħhom' f'oqsma tematiċi tal-Aġenzija għall-Qafas multiannwali tad-Drittijiet Fundamentali li jmiss;

Or. en

Emenda 411
Marie-Christine Vergiat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43a. Ifakkar li ċ-ċittadinanza tinvolvi d-dritt ta' kull persuna li tipparteċipa fl-affarijiet pubbliċi tal-pajjiż li fih tirrisjedi skont l-Artikolu 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR); Ifakkar li ċ-ċittadinanza Ewropea mhijiex limitata għad-drittijiet tal-vot u eliġibilità għall-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej, mhux biss limitata għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, iżda huwa essenzjali wkoll li dawn jiġu eżerċitati f'termini ta' moviment liberu u residenza; Jenfasizza għalhekk, li ċ-ċittadinanza Ewropea timplika l-kapaċità ta' kull resident fit-territorju tal-Unjoni li jipparteċipa b'mod attiv u mingħajr l-ebda tip ta' diskriminazzjoni fil-ħajja demokratika, politika, soċjali u kulturali tal-Istat Membru li fih jirrisjedi u li jeżerċita d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali kollha politiċi, ċivili, ekonomiċi, kulturali u soċjali rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea;

Or. fr

Emenda 412
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirristrukturaw is-sistemi tal-qrati tagħhom, jirrevedu l-livell tal-multi tal-qorti, jirrifformaw is-sistema tal-għajnuna

legali u jipprovdu mekkaniżmi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess ugwali għall-ġustizzja safejn ikun l-aktar possibbli;

Or. en

Emenda 413

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirristrutturaw is-sistemi tal-qradi tagħhom, jirvedu l-livell ta' multi tal-qorti, jirrifirmaw is-sistema tal-għajnuna legali u jipprovdu mekkaniżmi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess ugwali għall-ġustizzja safejn ikun l-aktar possibbli;

Or. en

Emenda 414

Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43a. Jesprimi tħassib fir-rigward tar-rispett ta' smigħ ġust fl-UE u fl-Istati Membri tagħha u b'mod partikolari fir-rigward tal-proposti reċenti dwar "evidenza sigrieta li tippermetti lill-gvernijiet jużaw evidenza kontra individwi li huma ma jkunux jistgħu jikkontestaw, jew anki jaraw, li jkun f'kontradizzjoni kbira mad-drittijiet u l-istandards fundamentali Ewropej;

Emenda 415
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tlesti l-pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali filwaqt li jiġi żgurat li d-drittijiet ta' smigħ ġust ikunu eżerċitati fil-prattika b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 416
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43b. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jeżaminaw kif il-prinċipji legali komuni dwar ir-rimedju kollettiv jistgħu jiddaħħlu fis-sistema legali tal-UE u fl-ordnijiet legali tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 417
Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43b. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-estradizzjoni lejn il-pajjiżi terzi ma tiksirx id-drittijiet fundamentali u jistedinhom biex jirrevedu t-trattati internazzjonali tagħhom; jesprimi tħassib dwar l-estradizzjoni possibbli ta' Richard O'Dwyer ta' 23 sena mir-Renju Unit lejn l-Istati Uniti għal ksur tad-drittijiet tal-awtur u jitlob biex tinstab soluzzjoni li tiżgura li d-drittijiet fundamentali tiegħu jiġu rrispettati;

Or. en

Emenda 418
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex teżamina l-implimentazzjoni effettiva fl-UE tad-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja fil-kuntest tad-dritt ta' kull persuna tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri li tgħix f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benessri tiegħu jew tagħha;

Or. en

Emenda 419
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43b. Jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet

Fundamentali biex twettaq studju preliminarari dwar l-aċċess mill-aktar gruppi fqar għad-drittijiet fundamentali kollha tagħhom u dwar id-diskriminazzjoni konnessa ml-faqar estrem, billi jkunu involuti dawk l-NGOs fejn dawk soċjalment esklużi jistgħu jesprimu lilhom infushom b'mod liberu;

Or. en

Emenda 420

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43c. Jistieden lill-Istati Membri biex jitrattaw ir-reati speċifiċi għall-ġeneru u jipproponu miżuri effettivi biex tiġi indirizzata l-vjolenza domestika, jekk neċessarju billi tiġi adottata leġiżlazzjoni dwar miżuri ta' protezzjoni;

Or. en

Emenda 421

Gianni Vattimo

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43c. Jesprimi tħassib dwar il-każ ta' Julian Assange u jistieden lill-awtoritajiet tar-Renju Unit biex jirrevedu l-pożizzjoni tagħhom dwar l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Isvezja, lill-awtoritajiet Svediżi biex jittestjaw il-kredibilità ta' dawk li qed jakkużawh u fi kwalunkwe każ biex ma jiġix estradit lejn l-Istati Uniti, fejn

Assange jista' jgħaddi minn proċess u trattament li ma jiggarrantixxix id-drittijiet fundamentali kif protetti mill-istandards Ewropej, li potenzjalment jinkludu wkoll smigħ sigriet u piena tal-mewt ;

Or. en

Emenda 422
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43c. Huwa tal-fehma li l-faqar estrem jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali, ikkaratterizzat minn akkumulazzjoni ta' ksur li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, u li jsakkru lin-nies f'ċirku vizzjuż.

Or. en

Emenda 423
Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43d. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-vittmi li ġie adottat mill-Kunsill, u l-proposta mill-Kummissjoni tal-pakkett tal-vittmi li jindirizza speċifikament il-bżonnijiet tal-vittmi tfal u tal-vittmi tat-terroriżmu;

Or. en

Emenda 424
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43d. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej biex jiċċelebraw is-17 ta' Ottubru bħala l-Jum tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Qerda tal-Faqar, billi jiġu involuti dawk l-NGOs fejn dawk li huma soċjalment esklużi jistgħu jesprimu lilhom infushom b'mod liberu;

Or. en

Emenda 425
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43e. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu r-riżorsi finanzjarji għal servizzi għal vittmi tal-kriminalità, filwaqt li titqies il-valutazzjoni li ġejja mill-FRA tal-opzjonijiet u l-prattiċi promettenti fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 426
Anna Záborská

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43e. Jistieden lill-UE biex tirroratiffika l-

***Karta Soċjali riveduta bħala ħaġa waħda,
inklużi l-Artikoli 30 u 31;***

Or. en

Emenda 427

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43f (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***43f. Jenfasizza li l-kooperazzjoni
internazzjonali fil-ġlieda kontra t-
terroriżmu għandha tkun ibbażata fuq il-
konformità sħiħa mal-istandards u l-
obbligi internazzjonali fil-qasam tad-
drittijiet tal-bniedem;***

Or. en

Emenda 428

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43g (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***43g. Jistieden lill-Istati Membri biex
jistabbilixxu l-verità dwar l-involviment
tagħhom fil-programmi ta' konsenja u ta'
detenzjoni sigrieta tas-CIA, biex
jinvestigaw allegazzjonijiet tad-drittijiet
tal-bniedem u jirrifurmaw is-sistemi
tagħhom sabiex jevitaw abbuż simili fil-
futur;***

Or. en

Emenda 429

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43h (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43h. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali dwar il-proċeduri kriminali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jiksbu standards sodi fl-UE kollha għad-drittijiet proċedurali kemm tal-konvenuti kif ukoll tal-vittmi;

Or. en

Emenda 430

Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43i (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43i. Jiġbed l-attenzjoni lejn in-nuqqasijiet li baqa' fir-rigward tal-garanziji minimi tad-drittijiet tad-difiża, u jirrimarka li l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-KtE ikkontestat in-nuqqas ta' rimedji effettivi kontra l-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-użu tiegħu għal reati ta' natura mhux serja;

Or. en

Emenda 431

Mario Borghezio

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju komparattiv dwar drittijiet elettorali fuq livell nazzjonali u ta' UE sabiex tidentifika differenzi li għandhom impatt inġust fuq ċerti kategoriji ta' persuni fl-UE, u biex tiġi akkumpanjata b'rakkomandazzjonijiet xierqa fuq kif tegħleb id-diskriminazzjoni

imħassar

Or. it

Emenda 432

Mikael Gustafsson

f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Livia Járóka, Mariya Gabriel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju komparattiv dwar drittijiet elettorali fuq livell nazzjonali u ta' UE sabiex tidentifika differenzi li għandhom impatt inġust fuq ċerti kategoriji ta' persuni fl-UE, u biex tiġi akkumpanjata b'rakkomandazzjonijiet xierqa fuq kif tegħleb id-diskriminazzjoni;

44. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju komparattiv dwar drittijiet elettorali fuq livell nazzjonali u ta' UE sabiex tidentifika differenzi li għandhom impatt inġust fuq ċerti kategoriji ta' persuni fl-UE, u biex tiġi akkumpanjata b'rakkomandazzjonijiet xierqa fuq kif tegħleb id-diskriminazzjoni; ***ifakkar fl-importanza tat-trattament preferenzjali u tal-miżuri speċjali fil-promozzjoni tar-rappreżentazzjoni tan-nies minn sfondi differenti u ta' gruppi żvantaġġjati f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet;***

Or. en

Emenda 433

Antigoni Papadopoulou

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44a. Ifakkar li t-Trattat ta' Maastricht (1992) introduċa l-kunċett ta' 'ċittadin tal-Unjoni', fejn ta d-dritt lil kull ċittadin tal-Unjoni biex jiċċaqilaq u jirrisjedi b'mod liberu fit-territorju tal-Unjoni, id-dritt tal-vot u biex ikun kandidat f'elezzjonijiet muniċipali u f'elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru li fih hu jew hi jirrisjedu, protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru, id-dritt li jsiru petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew u li ssir applikazzjoni lill-Ombudsman Ewropew, kif ukoll sensiela ta' drittijiet f'diversi oqsma bħall-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi, il-protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa pubblika, opportunitajiet ugwali u trattament ugwali, aċċess għall-impjieg u l-protezzjoni soċjali; jinnota li t-Trattati ta' Amsterdam (1997) u Lisbona (2009) saħħew aktar id-drittijiet assoċjati maċ-ċittadinanza tal-Unjoni;

Or. en

**Emenda 434
Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo, Sonia Alfano**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44a. Huwa inkwetat ferm bis-sitwazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, kontrolli u bilanċi, il-midja u d-drittijiet fundamentali f'uħud mill-Istati Membri u b'mod partikolari bil-prattika minn daww fil-poter li jagħżlu, jaħtru jew ikeċċu persuni għal pożizzjonijiet indipendenti

bħal Qrati Kostituzzjonali, il-ġudikatura, ix-xandir pubbliku, kapijiet tal-midja u korpjiet regolatorji tal-midja, l-ombudsmen jew kummissarji, fuq il-bażi ta' sempliċiment politiki partiġġjani minflok il-kompetenza, l-esperjenza u l-indipendenza;

Or. en

Emenda 435
Alexander Mirsky

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44a. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jistudjaw l-esperjenza u jirċievu konsultazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi li jippermettu lil dawk li mhumiex ċittadini biex jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali, biex jemendaw il-kostituzzjonijiet tagħhom sabiex jippermettu lil dawk li mhumiex ċittadini biex jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali;

Or. en

Emenda 436
Alexander Mirsky

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44b. Jenfasizza li skont il-prinċipju tal-ugwaljanza, ir-residenti kollha tal-UE li jħallsu t-taxxi b'mod regolari u li huma residenti permanenti għandu jkollhom l-opportunità li jipparteċipaw fil-ħajja politika tal-pajjiż;

Emenda 437
Alexander Mirsky

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44c. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti s-sitwazzjoni ta' dawk li mhumix ċittadini, b'mod partikolari fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza u r-Rapport dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali;

Emenda 438
Alexander Mirsky

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44d. Itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li l-awtoritajiet Latvjani jipprevedu l-possibilità li jippermettu lil dawk li mhumix ċittadini li ilhom jgħixu fil-pajjiż għal perjodu ta' żmien twil biex jipparteċipaw f'elezzjonijiet ta' awtonomija lokali;

Emenda 439
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

45. Jitlob lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni biex jinfurmaw liċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jivvutaw u joħorġu għall-elezzjonijiet; jitlob **għar-riformi neċessarji tal-proċeduri elettorali Ewropej** biex isiru **f'kull Stat Membru sabiex tiġi promossa ċittadinanza attiva tal-UE**;

Emenda

45. Jitlob lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni biex jinfurmaw liċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jivvutaw u joħorġu għall-elezzjonijiet; jitlob ***lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni*** biex ***jinfurmaw liċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jivvutaw u joħorġu għall-elezzjonijiet; iċ-ċittadinanza attiva u parteċipatorja fl-UE għandha tiġi mħeġġa wkoll permezz ta' aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni, it-trasparenza, il-governanza u l-amministrazzjoni tajbin, il-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni demokratika, b'teħid tad-deċiżjonijiet li jkun l-aktar viċin possibbli taċ-ċittadini tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 440

Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 45 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

45. Jitlob lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni biex jinfurmaw liċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jivvutaw u joħorġu għall-elezzjonijiet; jitlob għar-riformi neċessarji tal-proċeduri elettorali Ewropej biex isiru f'kull Stat Membru sabiex tiġi promossa ċittadinanza attiva tal-UE;

Emenda

45. Jitlob lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni ***u ta' għarfien*** biex jinfurmaw liċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jivvutaw u joħorġu għall-elezzjonijiet ***filwaqt li jqisu l-bżonnijiet ta' udjenzi u ta' gruppi vulnerabbli aktar speċifiċi***; jitlob għar-riformi neċessarji tal-proċeduri elettorali Ewropej biex isiru f'kull Stat Membru sabiex tiġi promossa ċittadinanza attiva tal-UE;

Or. en

Emenda 441
Antigoni Papadopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45a. Jilqa' d-deċiżjoni li l-2013 tiġi ddikjarata bħala s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, biex b'hekk iċ-ċittadinanza tal-Unjoni tingħata viżibilità flimkien mal-benefiċċji konkreti tagħha għaċ-ċittadini tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 442
Monika Flašíková Beňová, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iqassmu informazzjoni dwar id-dritt għall-protezzjoni diplomatika u konsulari; jistieden lill-Istati Membri biex jikkooperaw b'mod attiv sabiex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE barra l-UE, inkluż fi żminijiet ta' kriżi jew diżastri;

Or. en

Emenda 443
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iqassmu informazzjoni dwar id-dritt għall-protezzjoni diplomatika u konsulari; jistieden lill-Istati Membri biex jikkooperaw b'mod attiv sabiex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE barra l-UE, inkluż fi żminijiet ta' kriżi jew diżastri;

Or. en

Emenda 444

Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo, Sonia Alfano

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45a. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tafda lill-FRA bl-inkarigu li toħroġ rapport annwali li jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-libertà tal-istampa u tal-pluraliżmu fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 445

Mariya Gabriel

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45a. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw kampanji ta' informazzjoni biex jipromwovu l-parteciċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fl-inizjattivi ċiviċi u fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għall-petizzjoni.

Emenda 446
Kinga Göncz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45a. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex iżidu l-għarfien pubbliku tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini, għodda għad-demokrazija diretta li għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 447
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45b. Jirrimarka dwar il-ħtieġa li jiġu mnedija kampanji ta' informazzjoni effettivi li jippromwovu d-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE fost iż-żgħażaġh, bħal pereżempju t-twaqqif ta' "programm ta' ċittadinanza attiva" fl-iskejjel u l-universitajiet;

Or. en

Emenda 448
Renate Weber, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45b. Jesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni tad-detenu ti fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex iressqu proposti, flimkien mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-priġunieri jiġu rispettati u li tiġi promossa l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà; jitlob għall-implimentazzjoni tat-talbiet tiegħu inklużi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011¹ dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-UE u b'mod partikolari għal inizjattiva leġiżlattiva dwar standards komuni minimi ta' detenzjoni fl-UE u għal mekkaniżmi ta' monitoraġġ xierqa;

¹ P7_TA(2011)0585

Or. en

Emenda 449
Mariya Gabriel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45b. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw kampanji ta' informazzjoni biex isaħħu l-parteciżipazzjoni attiva taċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jikkuntattjaw l-Ombudsman Ewropew biex jilmentaw kontra xi att ta' amministrazzjoni ħażina imwettaq minn istituzzjoni jew korp Ewropew;

Or. fr

Emenda 450
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45c. Jilqa' d-deċiżjoni li l-2013 tkun is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li jsiru kampanji ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u dwar id-drittijiet konnessi magħha;

Or. en

**Emenda 451
Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45c. Jitlob għat-tisħiħ tas-sorveljanza demokratika u ġuridika tas-servizzi sigrieti f'livell nazzjonali, li huwa estremament urġenti u neċessarju, kif muri mill-involviment tagħhom f'konsenji straordinarji u f'titjiriet u ħabsijiet tas-CIA, u kif dan l-aħħar urew avvenimenti li kkawżaw tħassib, fost l-oħrajn fil-Ġermanja u fi Franza; jistieden lill-UE biex issaħħaħ is-sorveljanza tagħha fir-rigward tal-kollaborazzjoni f'livell Ewropew bejn dawn l-aġenziji, inkluż permezz ta' korpi tal-UE, u bejn dawn u pajjiżi terzi;

Or. en

**Emenda 452
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45d (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45d. Jissottolinja l-bżonn għal riforma rapida tas-sistema elettorali tal-Parlament Ewropew, fejn tiġi żgurata l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini tal-UE fil-funzjonament tal-UE;

Or. en

**Emenda 453
Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo, Sonia Alfano**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45d (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45d. Jesprimi tħassib fir-rigward tal-avvenimenti ta' ripressjoni sproporzjonata mill-pulizija fl-Istati Membri fl-okkażjoni tal-avvenimenti pubbliċi u dimostrazzjonijiet, kif ġie kkonfermat mis-sentenza li nħarġet dan l-aħħar fl-Italja rigward il-G8 f'Genova, u minn rapporti oħra minn NGOs, minn ċittadini u mill-midja li jinvolvu bosta Stati Membri tal-UE; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li tissaħħaħ is-sorveljanza demokratika u ġuridika tal-aġenziji u tal-persunal għall-infurzar tal-liġi, li tiġi żgurata r-responsabbiltà u li l-impunità ma jkollha ebda post fl-Ewropa, b'mod partikolari meta jitwettqu atti ta' tortura jew li jinvolvu trattamenti inumani jew degradanti;

Or. en

**Emenda 454
Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45e (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45e. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex iżidu l-għarfien pubbliku tal-Inizjattiva taç-Ċittadini, li hija għodda għad-demokrazija diretta li għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni;

Or. en

**Emenda 455
Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45e (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45e. Jitlob għar-rispett tad-dinjità fl-aħħar tal-ħajja, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet espressi f'testamenti ħajjin jiġu rikonoxxuti u rispettati;

Or. en

**Emenda 456
Renate Weber, Graham Watson, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45f (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45f. Jemmen li l-politiki attwali dwar id-drogi ma laħqux l-objettivi ddikjarati tagħhom u li l-approċċ attwali ta' projbizzjoni bbażat fuq il-kriminalizzazzjoni u l-priġunerija joħloq

*stigmatizzazzjoni u marġinalizzazzjoni;
jitlob għar-reviżjoni, f'livell nazzjonali,
Ewropew u internazzjonali, ta' liġijiet u
politiki dwar id-drogi fuq il-bażi ta'
approċċ alternattiv ġdid ibbażat fuq id-
drittijiet fundamentali, il-kura medika u t-
tnaqqis tal-ħsara;*

Or. en

Emenda 457

Renate Weber, Sophia in 't Veld, Sonia Alfano, Gianni Vattimo

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45g (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*45g. Jesprimi thassib kontinwu dwar is-
sitwazzjoni fl-Ungerija, b'mod partikolari
fir-rigward tal-Kostituzzjoni l-ġdida, il-
kontroll tal-gvern fuq il-midja u l-
ġudikatura, ir-restrizzjonijiet fuq id-
drittijiet LGBTI u l-libertà tal-espressjoni,
id-diskriminazzjoni fost il-gruppi reliġjużi
u tar-Roma u ta' gruppi oħra ta'
minoranza, il-kriminalizzazzjoni tal-
persuni mingħajr dar, is-sitwazzjoni fis-
sistema edukattiva u l-miżuri li jaffettwaw
lill-istudenti, iż-żieda fl-estremiżmu, ir-
razziżmu, il-ksenfobija, l-antisemitiżmu,
kif ukoll dwar it-tensjonijiet li qed jikbru
mal-istati fil-viċinat;*

Or. en

Emenda 458

Gianni Vattimo

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45h (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45h. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iħassru jew jirrevedu r-regoli dwar il-likwidi u l-iskeners tal-ġisem u jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri li jiksru r-regolamenti tal-UE għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 459
Gianni Vattimo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

45i. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-prinċipju ta' sekularizzazzjoni u ta' newtralità tal-Istat ikunu protetti minn fehmiel reliġjużi fundamentalisti; jitlob biex dawn il-valuri jinżammu f'relazzjonijiet ma' komunitajiet reliġjużi u biex tingħeleb id-diskriminazzjoni fit-trattament fost reliġjonijiet differenti ppromulgata mill-Istat; jesprimi tħassib fir-rigward tal-użu tal-immunità diplomatika mis-Santa Sede fir-rigward tal-każijiet ta' pedofilija, in-nuqqas ta' kooperazzjoni rigward każijiet ġuridiċi oħra bħal operazzjonijiet finanzjarji dubjużi mill-IOR tagħha li huma relatati mal-ħasil tal-flus, l-għajbien ta' Emanuela Orlandi u dak li ġara mill-persuni li ġew arrestati fil-każ hekk imsejjaħ "Vatican leaks; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni rigward dawn il-miżuri;

